IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.12.2016
COM(2016) 751 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Rapport annwali tal-politiki dwar l-għajnuna umanitarja u tal-protezzjoni ċivili tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2015**

MT MT

# Werrej


Introduzzjoni ... 2
Sommarju Eżekuttiv ... 3
Għajnuna umanitarja ... 6
Il-kriżi tar-refuġjati ... 6
Kriżijiet umanitarji fl-Afrika ... 8
Kriżijiet umanitarji oħrajn ... 11
Edukazzjoni f’emerġenzi ... 12
Il-politika dwar l-għajnuna umanitarja ... 13
Il-Protezzjoni Ċivili ... 15
Il-kriżi tar-refuġjati fis-Sirja ... 15
Ir-rispons għall-Ebola ... 15
Il-Korp Mediku Ewropew ... 16
Ir-rispons għal diżastri naturali ... 16
Prevenzjoni u tħejjija ... 17
Il-politika dwar il-Protezzjoni Ċivili ... 17
Tħejjija u reżiljenza għad-diżastri ... 18
Voluntiera tal-Għajnuna tal-Unjoni Ewropea ... 19
Koordinazzjoni ma’ strumenti oħra tal-UE ... 21
Riżorsi umani u finanzjarji ... 23
Il-baġit umanitarju tal-UE f’livell storikament għoli ... 23
Riżorsi umani ... 24
Informazzjoni u sorsi addizzjonali ... 25
Annessi ... 26

# INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet ewlenin u r-riżultati tal-politika tal-Unjoni fl-2015 fil-qasam tal-għajnuna umanitarja u tal-protezzjoni ċivili, kif imwettqa permezz tad-Direttorat-Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO)[1] tal-Kummissjoni Ewropea. Bħala Kummissarju għall-Għajnuna Umanitarja u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet, Christos Stylianides għandu mandat doppju: **li jipprovdi għajnuna sabiex jittaffew il-kriżijiet umanitarji madwar id-dinja u sabiex titrawwem kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili fl-Ewropa kollha fir-rispons tagħhom għal diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa u lil hinn[2]**.

Il-missjoni — **biex tgħin issalva u tħares il-ħajja, tipprevjeni u ttaffi s-sofferenza umana u tissalvagwardja l-integrità u d-dinjità tal-popolazzjonijiet affettwati minn kriżijiet** — tiġi ssodisfatta permezz ta’ għajnuna umanitarja[3] u operazzjonijiet ta’ protezzjoni ċivili[4]. L-għajnuna umanitarja tal-UE hija assolutament essenzjali għall-komunitajiet u għall-vittmi ta’ kriżijiet ġodda, rikorrenti u dawk fit-tul. Tippermettilhom iħejju ruħhom aħjar għal emerġenzi futuri. Operazzjonijiet kumplimentari ta’ protezzjoni ċivili joffru appoġġ immedjat fil-forma ta’ timijiet ta’ esperti, tagħmir ta’ salvataġġ u monitoraġġ f’ħin reali ta’ diżastri li jkunu qed jiżviluppaw, fl-UE u fi bnadi oħra. Meta jseħħ diżastru, intervent effettiv u fil-pront mill-komunità internazzjonali jista’ jagħmel id-differenza bejn ħajja u mewt.

Flimkien mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, l-UE hija l-akbar donatriċi fid-dinja. **Din l-għajnuna** — ibbażata fuq l-Artikoli 196 u 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) — hija **espressjoni fundamentali ta’ solidarjetà Ewropea**.

---

1 L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja, jeħtieġ li l-Kummissjoni, fl-għeluq ta’ kull sena finanzjarja, tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b’ġabra fil-qosor tal-operazzjonijiet iffinanzjati matul dik is-sena

2 Fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-azzjonijiet tiegħu, il-Kummissarju jikkontribwixxi għall-ħidma tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà/Viċi President, li huwa responsabbli għat-tmexxija u għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-Kummissarji kollha fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni. Dan l-approċċ jieħu kont sħiħ tal-modus operandi speċjali tal-għajnuna umanitarja, li għandha tiġi pprovduta skont il-prinċipji umanitarji u d-dritt umanitarju internazzjonali, unikament abbażi tal-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet affettwati, f’konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja.

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

4 Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Sommarju Eżekuttiv

Is-sena 2015 rat żieda kontinwa fi kriżijiet umanitarji. Madwar id-dinja, il-kunflitti armati u l-attakki fuq persuni ċivili żdiedu b'rata allarmanti. Id-diżastri naturali, aggravati mit-tibdil fil-klima u ż-żieda fil-popolazzjoni, qed iseħħu wkoll bi frekwenza u intensità akbar. B'aktar minn 60 miljun ruħ fid-dinja[5] spustati b'mod sfurzat, l-ispustament fit-tul sar sfida umanitarja, ta' żvilupp, politika u ekonomika maġġuri. Il-ħtiġijiet qed jissuperaw dejjem aktar ir-riżorsi u t-twassil tal-għajnuna umanitarja u tal-protezzjoni ċivili qiegħed isir dejjem aktar kumpless. F'dawn iċ-ċirkostanzi mingħajr preċedent, l-UE wiegħbet billi mmirat l-għajnuna umanitarja lejn il-persuni l-aktar fil-bżonn u dawk l-aktar vulnerabbli, u billi aġġornat ir-rispons politiku tagħha. Permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, l-UE żgurat ukoll rispons ikkoordinat sew fuq livell Ewropew għall-vittmi ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa u fi bnadi oħra.

- **Fl-2015 l-UE pprovdiet għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili f'valur li jlaħħaq 'il fuq minn EUR 1.5 biljuni**. Dan **għen lil aktar minn 134 miljun benefiċjarju** maqbuda f'diżastri naturali jew f'konflitti f'aktar minn 80 pajjiż. Il-baġit umanitarju tal-2015 — l-akbar wieħed li qatt ġie esegwit mill-Kummissjoni — kien reazzjoni għall-frekwenza u s-severità dejjem akbar ta' diżastri naturali u ta' kriżijiet umanitarji oħrajn.

- Is-Sirja hija l-akbar 'pajjiż ta' oriġini' ta' refuġjati li bħalissa jaslu fl-UE. Il-konflitt Sirjan kompla mingħajr waqfien u daħal fil-ħames sena tiegħu u jibqa' l-akbar kriżi umanitarja u ta' sigurtà fid-dinja. **Fl-2015, aktar minn EUR 370 miljun ġew allokati għal operazzjonijiet ta' salvataġġ fis-Sirja u fil-pajjiżi tal-viċinat**. Minbarra l-għajnuna mogħtija lil popolazzjonijiet spustati fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, ġew iffinanzjati interventi umanitarji ta' emerġenza f'pajjiżi ta' tranżitu, speċjalment fil-Balkani tal-Punent (EUR 22 miljun), bħala appoġġ lil refuġjati vulnerabbli, persuni li jfittxu asil u migranti. L-Ungerija, is-Serbja, is-Slovenja, il-Kroazja u l-Greċja attivaw il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili meta kellhom bżonn sostenn materjali immedjat biex ilaħħqu mal-influss ta' refuġjati.

- **Fl-2015, l-għajnuna umanitarja lill-Iraq żdiedet b'mod sinifikanti, bi kważi EUR 79 miljun tal-baġit tal-UE** allokati għal waħda mill-aktar kriżijiet umanitarji li qed tiżviluppa b'mod mgħaġġel madwar id-dinja. Il-protezzjoni ta' persuni ċivili hija waħda mill-isfidi ewlenin. L-Iraq qed jospita wkoll kważi 250 000 refuġjat Sirjan.

- **Il-finanzjament tas-Saħel laħħaq il-EUR 229 miljun b'enfasi fuq il-kriżi alimentari u nutrizzjonali**. Il-kriżijiet alimentari rikorrenti fis-Saħel naqqsu severament ir-reżiljenza tal-ifqar familji u mijiet ta' eluf ġew sfurzati jħallu djarhom. Kunflitti fil-Mali, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u fin-Niġerja tat-tramuntana - li nxerrdu fiċ-Ċad, fin-Niġer u fil-Kamerun - komplew jaggravaw il-qagħda tas-sigurtà alimentari.

- Kunflitt armat kontinwu fis-Sudan t'Isfel, emerġenza ta' Livell 3, ġiegħel lil miljuni ta' persuni jħallu djarhom u ġġenera ħtiġijiet umanitarji kbar. **Il-finanzjament tal-UE, li fl-2015 laħaq il-EUR 127 miljun, appoġġa attivitajiet ta'**

[5] http://blogs.worldbank.org/opendata/record-number-forcibly-displaced-people-has-reached-60-million-worldwide-data-show

**salvataġġ fis-Sudan t'Isfel** u għen lir-refuġjati mis-Sudan t'Isfel fil-pajjiżi ġirien.

- **F'Diċembru 2015 l-UE ħabbret kontribuzzjoni ta' EUR 125 miljun** biex tiffinanzja azzjonijiet ta' emerġenza fil-pajjiżi affettwati mill-**fenomenu ta' temp estrem 'El Niño' fl-Afrika, fil-Karibew, fl-Amerika Ċentrali u t'Isfel. Azzjonijiet immirati lejn it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u lejn il-bini tal-kapaċità lokali** huma appoġġjati f'żoni li jippreżentaw vulnerabbiltajiet lokali għoljin.

- F'Lulju 2015, in-NU kklassifikaw il-kriżi tal-Jemen bħala emerġenza ta' Livell 3. **Il-finanzjament umanitarju tal-UE li fl-2015 laħaq il-EUR 50 miljun, huwa mmirat kemm lejn il-persuni spustati internament tal-Jemen ukif ukoll lejn ir-refuġjati tiegħu**. Il-konflitt flimkien mal-faqar, mal-ispustament sfurzat u ż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel aggravaw kriżi umanitarja diġà serja. Il-Jemen huwa wkoll direttament affettwat mill-kriżi umanitarja fil-Qarn tal-Afrika.

- Miljuni ta' persuni fl-Ukrajna jeħtieġu għajnuna umanitarja minħabba l-konflitt fil-Lvant tal-pajjiż. **EUR 30 miljun mill-baġit tal-UE ġew allokati għall-għajnuna umanitarja u għall-irkupru bikri lill-poplu tal-Ukrajna.** Barra minn hekk, ingħatat għajnuna mhux finanzjarja permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

- **Minbarra l-iskjerament ta' esperti tal-protezzjoni ċivili, skwadri ta' tiftix u ta' salvataġġ u tal-ewwel għajnuna, u provvisti ta' sokkors, li ntbagħtu taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili,** ingħataw **EUR 15-il miljun f'għajnuna umanitarja immedjata** lill-vittmi tat-terremot ta' Nepal.

- **Fl-2015 l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza saret prijorità politika ewlenija**. F'kuntest ta' dawn l-ispustamenti sfurzati u sinifikattivi tal-popolazzjonijiet li seħħew is-sena preċedenti, l-edukazzjoni hija intervent umanitarju vitali. Fl-2015, aktar minn 1.5 miljuni tifel u tifla bbenefikaw minn edukazzjoni fir-rigward ta' appoġġ fil-każ ta' emerġenza.

- Fl-2015, **il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat għal 25 emerġenza** (twissijiet minn qabel, monitoraġġ u talbiet għall-għajnuna) **u irċieva 19-il talba għal għajnuna diretta** fl-UE u f'pajjiżi oħra milquta minn diżastri.

- **L-2015 rat ukoll l-aktar edizzjoni ta' suċċess tal-Forum Ewropew dwar il-Protezzjoni Ċivili,** il-konferenza kbira biennali li tlaqqa' flimkien il-partijiet interessati Ewropej kollha tal-protezzjoni ċivili u wħud internazzjonali. Il-Forum tal-2015 ipprovda l-pjattaforma għat-tnedija uffiċjali tal-ħidma ma' pajjiżi tal-viċinat, kif ukoll l-aspett importanti ġdid ta' ħidma dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod fil-protezzjoni ċivili.

- **Mill-bidu tat-tifqigħa tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent f'Marzu 2014, l-UE għamlet sforzi eċċezzjonali biex tiġi indirizzata l-epidemija.** L-għajnuna umanitarja indirizzat l-aktar ħtiġijiet urġenti u minbarra dan intbagħtu provvisti ta' emerġenza u esperti permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. Finalment dawn il-miżuri wasslu biex f'Jannar 2015 il-marda tingħeleb. It-tagħlimiet mitgħallma mill-kriżi tal-Ebola wasslu biex fl-2015 jitwaqqaf il-Korp

Mediku Ewropew fil-qafas tal-konsorzjament volontarju tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

- It-tielet Konferenza Dinjija tan-NU dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, li saret f'Sendai, il-Ġappun, f'Marzu 2015, adottat qafas ġdid għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. **L- Unjoni kellha rwol ewlieni fil-bini ta' qafas imsaħħaħ dwar it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri,** bid-definizzjoni ta' passi ulterjuri biex jitnaqqsu r-riskji u titrawwem ir-reżiljenza għad-diżastri, fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli u l-bini fuq is-sinerġiji mat-tibdil fil-klima.

- L-ewwel sejħiet għall-proposti għall-iskjerament ta' voluntiera taħt **l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-Unjoni Ewropea** ġew ippubblikati fl-2015. Din għandha tgħin sabiex sal-2020 jinħolqu opportunitajiet għal madwar 18,000 persuna biex jivvolontarjaw f'operazzjonijiet madwar id-dinja.

# GĦAJNUNA UMANITARJA

L-Unjoni baqgħet donatriċi umanitarja ta' referenza. Il-Kummissjoni tiżgura li l-interventi kollha huma koerenti mal-prinċipji umanitarji, huma rilevanti fl-immirar tal-aktar benefiċjarji vulnerabbli, u huma infurmati kif xieraq permezz ta' valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet. L-interventi jiżguraw kosteffettività u effiċjenza fil-finanzjament ta' setturi kritiċi, fil-mobilizzazzjoni tal-imsieħba u fl-appoġġ lejn il-kapaċità ġenerali tas-sistema umanitarja globali. L-importanza ta' dawn il-prinċipji għaż-żamma tal-ispazju umanitarju hija rikonoxxuta sew fil-valutazzjonijiet esterni u indipendenti tal-operazzjonijiet tal-Kummissjoni (Sommarju tal-valutazzjonijiet tal-proġetti umanitarji li saru fl-2015 jista' jinsab fl-Anness 1. Il-valutazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili hija bbażata fuq ir-rekwiżiti tal-bażi legali tagħha. Valutazzjoni ġenerali tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ser titnieda fit-tieni semestru tal-2016. Għalhekk, fl-2015 ma saret l-ebda valutazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' Protezzjoni Ċivili)

## Il-kriżi tar-refuġjati

### Is-Sirja

**L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha qed imexxu r-rispons internazzjonali għall-kriżi Sirjana.** Huwa stmat li l-għadd ta' refuġjati Sirjani fil-pajjiżi tal-viċinat u fir-reġjun usa' laħaq aktar minn 4.5 miljuni, u l-għadd ta' persuni spustati internament fis-Sirja huwa stmat li jilħaq is-6.5 miljuni. **Fl-2015, ġew allokati aktar minn EUR 160 miljun mill-baġit tal-UE għall-operazzjonijiet ta' salvataġġ ġewwa s-Sirja.** Il-prijoritajiet strateġiċi ewlenin iffokaw fuq l-appoġġ lejn risponsi multisettorjali, rapidi, flessibbli u reattivi għall-emerġenzi b'mod parallel maż-żamma ta' għajnuna umanitarja regolari lil popolazzjonijiet diġà spustati u vulnerabbli. Ħafna refuġjati jsibu rifuġju f'pajjiżi u fost persuni li diġà jissieltu mal-faqar u mat-tbatija, u għalhekk ħafna drabi l-komunitajiet ospitanti fir-reġjun huma wkoll benefiċjarji tal-għajnuna umanitarja pprovduta.

L-approċċ 'Is-Sirja Sħiħa' huwa bbażat fuq **strateġija ta' erba' pilastri li kienet tinkludi aċċess innegozjat, rispons ta' emerġenza, protezzjoni, u respnsabbiltà u appoġġ għal sħubijiet**. Bħala waħda mid-donaturi ewlenin tal-Pjan ta' Rispons Strateġiku tal-2015, l-Unjoni għenet lil 12-il miljun benefiċjarju b'assistenza ta' saħħa, lil 5 miljuni b'servizzi ta' protezzjoni, lil 8 miljuni b'servizzi tal-ilma, miżuri sanitarji u ta' iġjene u lil aktar minn 6 miljun persuna vulnerabbli spustati internament b'kenn u b'oġġetti mhux tal-ikel. L-Unjoni involviet ruħha aktar f'inizjattivi diplomatiċi internazzjonali (eż. it-taħditiet ta' Vjenna) u fi sforzi ta' promozzjoni bil-għan li jiġi promoss ir-rispett lejn il-prinċipji umanitarji fundamentali u d-dritt umanitarju internazzjonali.

### Il-pajjiżi tal-viċinat

**Fil-Libanu, fl-2015, ġew allokati EUR 97 miljun mill-baġit tal-UE biex jgħinu lil madwar 665 000 persuna**, b'enfasi speċjali fuq in-nisa u t-tfal. L-għajnuna ffokat fuq l-aktar refuġjati vulnerabbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom permezz ta' approċċ ta' flus kontanti b'diversi skopijiet, kura tas-saħħa sekondarja f'sitwazzjonijiet ta' ħajja u mewt, kenn, u ilma u miżuri sanitarji. Barra minn hekk, ġew iffinanzjati attivitajiet speċifiċi ta' protezzjoni, bħal konsulenza u assistenza legali lill-vittmi ta' vjolenza.

**Fil-Ġordan**, ingħatat prijorità lill-aktar soluzzjonijiet kosteffikaċi u effettivi li jiffokaw fuq l-approċċ ta' bżonnijiet bażiċi, **permezz ta' għajnuna fi flus kontanti li laħqet it-EUR 58 miljun**. Pereżempju, l-Unjoni appoġġat lill-UNICEF biex tgħin lil 56 000 tifel u tifla mill-familji ta' refuġjati Sirjani l-aktar vulnerabbli b'għotja ta' flus ta' 20 dinar tal-Ġordan għal kull tifel/tifla fix-xahar. L-objettiv immedjat ta' dan il-programm kien li jwaqqaf lill-familji vulnerabbli milli jiddependu fuq mekkaniżmi negattivi ta' sopravivenza bħat-tħaddim tat-tfal jew alimentazzjoni razzjonalizzata għall-iffrankar tal-flus, billi jgħin biex ikopri l-bżonnijiet u l-ispejjeż speċifiċi għal kull wild. Bħala riżultat ta' dan, aktar minn 50% tal-familji rrapportaw li evitaw l-użu ta' mill-inqas strateġija negattiva waħda ta' sopravivenza u 91% tal-grupp kampjunat irrapportaw li dan tejjeb il-benessri ġenerali tal-familja tagħhom.

Wara deċennji ta' konflitt, Iraqqini vulnerabbli jsibuha bi tqila jissopravivu emerġenza kumplessa li issa daħlet fit-tielet sena tagħha. Il-ġlied u l-vjolenza settarja wasslu għall-ispustament ta' miljuni ta' persuni. L-Iraq qed jiffaċċja mhux biss il-konsegwenzi tal-kunflitt intern tiegħu, iżda anke dawk ikkawżati mill-konflitt fil-ġar tiegħu s-Sirja. Qed jospita mijiet ta' eluf ta' refuġjati Sirjani rreġistrati. Bi tweġiba għall-ħtiġijiet umanitarji dejjem jikbru, **l-Unjoni żiedet b'mod sinifikanti l-għajnuna umanitarja tagħha lill-Iraq, bl-allokazzjoni ta' kważi EUR 79 miljun fl-2015.** L-għan kien li tiġi pprovduta protezzjoni u sokkors lill-persuni spustati tal-Iraq, lir-refuġjati Sirjani u lil popolazzjonijiet vulnerabbli oħra affettwati mill-kunflitti.

Fl-2015, **it-Turkija** ġiet iddikjarata l-akbar nazzjon fid-dinja li jospita refuġjati. Fl-aħħar tas-sena kien aktar minn 2.5 miljuni refuġjati Sirjani rreġistrati hemm. **Kważi EUR 36 miljun mill-baġit tal-UE ġew allokati** għal għajnuna umanitarja biex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet urġenti ta' dawk l-aktar vulnerabbli. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin kienet is-settur tas-saħħa, speċjalment ir-riabilitazzjoni fiżika/kura postoperattiva għal dawk midruba fil-gwerra, u servizzi ta' kura tas-saħħa primarja fiż-żoni l-inqas moqdija għal madwar 130 000 ruħ. Prijorità ewlenija oħra hija programmi, li jilħqu madwar 230 000 persuna, li jipprovdu kupuni lill-aktar familji refuġjati vulnerabbli sabiex ikunu jistgħu jixtru oġġetti bażiċi tad-dar.

Barra minn hekk, fil-15 ta' Ottubru 2015 il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt mat-Turkija bħala parti minn aġenda ta' koperazzjoni komprensiva bbażata fuq responsabbiltà kondiviża, impenji reċiproċi u twettiq. Il-Faċilità għar-refuġjati fit-Turkija[6] tipprovdi riżorsi finanzjarji ġodda sostanzjali u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni maħsub biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tar-refuġjati u tal-komunitajiet ospitanti jiġu indirizzati b'mod komprensiv u kkoordinat. Il-Faċilità ser tikkoordina ammont totali ta' EUR 3 biljuni għall-2016-2017.

Fl-2015, aktar minn miljun ruħ ivvjaġġaw lejn l-UE, l-aktar permezz ta' dik li saret magħrufa bħala r-'rotta tal-Balkani tal-Punent', li taqsam it-Turkija u mbagħad il-Greċja fi sforz biex jilħqu l-Ewropa ċentrali u tat-Tramuntana. **Il-baġit tal-UE ffinanzja wkoll interventi umanitarji ta' emerġenza fil-Balkani tal-Punent li jlaħqu t-EUR 22 miljun** bħala appoġġ lil refuġjati vulnerabbli, persuni li jfittxu asil u migranti fil-bżonn. Dan l-appoġġ ikkontribwixxa għall-provvista ta' għajnuna ta' emerġenza (ikel, ilma, iġjene, oġġetti mhux tal-ikel, saħħa, protezzjoni bażika, u oġġetti bi tħejjija għax-xitwa) f'postijiet b'konċentrazzjoni kbira ta' refuġjati, inklużi l-fruntieri u l-punti ta' reġistrazzjoni.

---

[6] COM/2015/9500 final

## Kriżijiet umanitarji fl-Afrika

### Is-Saħel

Is-Saħel, wieħed mill-ifqar reġjuni tad-dinja, għadu ma qamx fuq saqajh wara l-effetti negattivi ta’ erba' kriżijiet konsekuttivi alimentari u nutrizzjonali li ilhom għaddejjin mill-2005, u aggravati mill-impatt tat-tibdil fil-klima. Dawn il-kriżijiet rikorrenti naqqsu severament ir-reżiljenza tal-ifqar familji li sena wara l-oħra jitħabtu biex ikopru l-ħtiġijiet alimentari bażiċi tagħhom, speċjalment matul il-perjodu twil bejn il-ħsad. **Fl-2015, il-finanzjament għas-Saħel (Burkina Faso, il-Kamerun, iċ-Ċad, il-Mali, il-Mawritanja, in-Niġer, in-Niġerja u s-Senegal) laħaq il-EUR 229 miljun b’enfasi fuq il-kriżi alimentari u nutrizzjonali.**

Bħala wieħed mill-pajjiżi l-anqas żviluppati fid-dinja, iċ-Ċad qed ikompli jiffaċċja emerġenza kumplessa bħala riżultat ta’ insigurtà kronika tal-ikel, malnutrizzjoni, perikli naturali, epidemiji u spustamenti massivi tal-popolazzjonijiet. **Fl-2015 l-għajnuna umanitarja tal-UE għaċ-Ċad laħqet it-EUR 58 miljun**, li ppermettiet lil 75 000 familja jiksbu oġġetti bażiċi tal-ikel permezz ta’ għotjiet ta’ flus kontanti u kupuni. Għexieren ta’ snin ta’ instabilità politika u diżastri naturali fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ġar tiegħu kkawżaw influss ta’ refuġjati li poġġa pressjoni addizzjonali fuq ir-riżorsi diġà mġebbdin wisq.

Minbarra l-insigurtà alimentari fit-tul, il-vjolenza mifruxa fil-Grigal tan-Niġerja minħabba Boko Haram wasslet għal eżodu enormi. **Matul l-2015, ġew allokati EUR 21.5 miljuni mill-baġit tal-UE għal għajnuna umanitarja fin-Niġerja**, permezz tal-provvista ta’ għajnuna alimentari ta’ emerġenza, servizzi ta’ saħħa u ta’ protezzjoni lill-persuni spustati u lill-vittmi ta’ konflitt. Aktar minn żewġ miljun Niġerjan ġew spustati bil-forza fil-pajjiż u aktar minn 190 000 ħarbu lejn il-pajjiżi ġirien in-Niġer, il-Kamerun u ċ-Ċad. Il-komunità umanitarja qed tistenna mewġa massiva ġdida ta’ spustamenti, minħabba l-evakwazzjonijiet kontinwi tal-popolazzjonijiet residenti mill-gżejjer tal-Lag Ċad, bħala riżultat ta’ operazzjonijiet militari fiż-żona.

### Is-Sudan t’Isfel

Is-Sudan t’Isfel jinsab mifni mill-kriżijiet kontinwi li ġġeneraw ħtiġijiet umanitarji enormi. **L-UE tipprovdi aktar minn 40% tal-finanzjament kollu għal għajnuna umanitarja lis-Sudan t’Isfel** biex tappoġġja programmi ta’ salvataġġ għal madwar żewġ miljun ruħ. Fl-2015 biss, din tat EUR 127 miljun f’għajnuna għall-pajjiż. Il-kunflitt armat li ilu għaddej sa minn Diċembru 2013 ħalla eluf mejta u aktar minn żewġ miljuni spustati minn djarhom. F’Awwissu 2015 ġie ffirmat ftehim ta’ paċi, iżda għad ma hemm l-ebda sinjal ta’ paċi fil-pajjiż.

### Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

Fir-Repubblika Ċentru-Afrikana l-instabilità politika u d-diżastri naturali, inkluża l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, ikkontribwew għall-qerda tal-ekonomija nazzjonali, għal nuqqas ta’ żvilupp u d-dgħajfien tal-istituzzjonijiet tal-istat. Mill-bidu tal-konflitt fl-2013, l-UE kellha rwol ewlieni fl-għoti ta’ EUR 73 miljun f’għajnuna umanitarja. Is-sitwazzjoni għadha estremament volatili. Fl-2015, **l-għajnuna umanitarja tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana laħqet il-EUR 25 miljun** u sostniet proġetti li jkopru l-protezzjoni, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, għajnuna fir rigward tal-ikel u n-nutrizzjoni, id-distribuzzjoni ta’ ilma nadif, servizzi ta’ sanitazzjoni, loġistika u koordinazzjoni umanitarja. F’Mejju 2015 saret konferenza internazzjonali ta’ livell għoli

dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana li ffokat fuq il-ħtiġijiet umanitarji, l-irkupru u l-bini ta' reżistenza tal-pajjiż.

## Spustament tal-popolazzjoni: Il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali u l-Afrika, 2015



# Kriżijiet umanitarji oħrajn

## Il-Kriżi El Nino

**L-UE ħabbret kontribuzzjoni ta' EUR 125 miljun biex tiffinanzja azzjonijiet ta' emerġenza f'pajjiżi affettwati minn El Niño fl-Afrika, fil-Karibew, u fl-Amerika Ċentrali u t'Isfel.** Il-fenomenu, li huwa wieħed mill-akbar avvenimenti fl-aħħar tliet deċennji, aggravat mit-tibdil fil-klima, qiegħed jaffettwa aktar minn 41 miljun ruħ madwar id-dinja[7]. L-Etjopja b'mod partikolari hija waħda mill-pajjiżi l-agħar milquta mill-fenomenu El Niño, b'rapporti ta' żieda fl-għadd ta' persuni b'insigurtà tal-ikel minħabba nixfa minn 2.9 miljuni f'Jannar 2015 għal 8.2 miljuni f'Ottubru 2015.

## Il-Jemen

L-instabbiltà politika, il-kunflitti armati, il-prestazzjoni ekonomika fqira u s-sottożvilupp kroniku huma fil-qalba tal-kriżi kumplessa u multidimensjonali li qed jiffaċċja l-Jemen. Aktar minn 47% tal-popolazzjoni tgħix taħt il-linja tal-faqar fuq inqas minn żewġ euro kuljum u l-pajjiż għandu t-tielet l-ogħla rata ta' malnutrizzjoni fid-dinja. **Fl-2015, ġew allokati EUR 50 miljun mill-baġit tal-UE bħala għajnuna lil popolazzjonijiet fil-pajjiż affettwati minn konflitt u spustament sfurzat, insigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni.** Il-maġġorparti tal-finanzjament umanitarju jintuża biex jiġi pprovdut ikel, ilma u sanitazzjoni, kura tas-saħħa bażika, u kenn u oġġetti tad-dar għall-persuni spustati internament, għar-refuġjati mill-Qarn tal-Afrika u għall-komunitajiet li qed jospitaw dawn in-nies li kienu mġiegħla jitilqu minn djarhom.

## L-Ukrajna

L-UE żammet il-kriżi umanitarja fl-Ukrajna għolja fuq l-aġenda tagħha. Miljuni ta' nies fl-Ukrajna jeħtieġu għajnuna umanitarja minħabba l-impatt ikkombinat ta' konflitt, spustament u faqar estrem. **Fl-2015 il-proġetti implimentati mill-baġit tal-UE laħqu t-EUR 30 miljun, li għenu direttament lil aktar minn 800 000 persuna mill-Ukrajna.** Filwaqt li l-popolazzjonijiet fil-mira kienu t-tfal l-aktar vulnerabbli, l-anzjani u l-familji b'ġenitur wieħed, l-għajnuna marret ukoll għall-persuni spustati internament u għar-refuġjati li kienu ħarbu minn żoni ta' kunflitt, kif ukoll għall-persuni rimpatrijati. Ħafna drabi l-għajnuna ħadet il-forma ta' flus kontanti u kupuni, li wriet li hija mezz ferm effiċjenti u effettiv ta' għajnuna bil-vantaġġ li tistimula direttament l-ekonomija lokali kif ukoll tgħin biex tiġi preservata d-dinjità ta' dawk affettwati. Barra minn hekk, ġiet mobilizzata għajnuna materjali permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. F'Jannar 2015, operazzjoni konġunta tal-UE organizzat it-trasport bl-ajru u bit-triq ta' provvisti ta' sokkors.

## In-Nepal

F'April 2015 in-Nepal ċentrali ntlaqat minn terremot devastanti, li qatel madwar 9 000 persuna u qered irħula sħaħ. Minnufih ġie rilaxxat finanzjament umanitarju tal-UE ta' EUR 15-il miljun biex jgħin sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar urġenti — kenn ta' emerġenza, kura tas-saħħa ta' emerġenza, ilma u sanitazzjoni, appoġġ għall-għajxien, u loġistika — u biex jiġu promossi attivitajiet għat-tħejjija għad-diżastri u għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Fil-jiem ta' wara t-terremot, fuq talba tal-awtoritajiet Nepaliżi ġie attivat il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (EUCPM). L-EUCPM iffaċilita l-iskjerament ta' tliet moduli — tiftix u salvataġġ urban qawwi, karigi mediċi avvanzati u

[7] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-1513_en.htm

purifikazzjoni tal-ilma — kif ukoll esperti fl-inġinerija strutturali, u assistenza teknika oħra minbarra l-għajnuna mhux finanzjarja u timijiet ta' sokkors. L-isforzi sostnuti ta' promozzjoni tal-Kummissjoni wasslu għall-formulazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tad-Diżastri fin-Nepal.

### Kriżijiet minsijin

L-UE ħarset ukoll lil hinn mill-attenzjoni tal-midja biex tipparteċipa f'ħafna mill-kriżijiet 'minsijin'[8]. **Fl-2015, dawn kienu jinkludu r-refuġjati mis-Saħara tal-Punent fl-Alġerija, il-persuni tar-Rohingya fil-Mjanmar/Burma, u r-refuġjati Kolombjani fl-Ekwador u fil-Venezwela[9].** Il-Valutazzjoni ta' Kriżijiet Minsijin tidentifika sitwazzjonijiet serji ta' kriżijiet umanitarji fejn il-popolazzjonijiet milquta ma jirċevux biżżejjed għajnuna internazzjonali jew saħansitra xejn affattu. Dawn il-kriżijiet huma kkaratterizzati minn rapportar baxx mill-midja, nuqqas ta' interess minn donaturi u impenn politiku dgħajjef biex jissolvew il-kriżijiet, li jwasslu għal preżenza insuffiċjenti ta' atturi umanitarji. Fl-2015, l-UE allokat kważi 17% tal-baġit inizjali tagħha għal għajnuna umanitarja għal kriżijiet minsijin.

## Edukazzjoni f'emerġenzi

It-tfal jirrappreżentaw nofs il-vittmi ta' kunflitti madwar id-dinja u huma fost il-gruppi vittmi l-aktar vulnerabbli. Minbarra l-possibbiltà ta' korriment u ta' ċaqliq sfurzat, fi żminijiet ta' kriżi l-firda minn mal-familja hija riskju akut ħafna. Kemm il-probabbiltà tas-separazzjoni tat-tfal minn mal-familji tagħhom kif ukoll l-impatt ta' dan fuq it-tfal huma t-tnejn għoljin ħafna. Meta jiġri diżastru, tiġi sfrattata l-edukazzjoni ta' miljuni ta' tfal. Ħafna drabi l-impatt tal-konflitti fuq dawn it-tfal jibqa' jinħass fit-tul u fi kriżijiet fit-tul, jista' jwassal għal sitwazzjonijiet fejn in-nuqqas ta' edukazzjoni xierqa jwassal għal vjolenza pperpetwata — peress li bħala adulti dawn it-tfal jirreplikaw l-aġir vjolenti li jkunu esperjenzaw fi tfulithom. Barra mill-iskola, it-tfal jitilfu l-opportunità li jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex jibnu futuri aktar prosperi għalihom u għall-pajjiżi tagħhom.

F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-edukazzjoni tista' tgħin biex mill-inqas jinħoloq ċertu sens ta' normalità u sigurtà, u tagħti lit-tfal l-appoġġ psikosoċjali li jeħtieġu biex jegħlbu t-trawmi. Ħafna drabi l-komunitajiet affettwati nfushom jidentifikaw l-edukazzjoni bħala prijorità primarja.

**Fl-2015 l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza saret prijorità ewlenija.** L-edukazzjoni hija intervent umanitarju ta' salvataġġ li ġiet appoġġjata permezz tal-inizjattiva tal-UE Tfal tal-Paċi u ta' inizjattivi oħra. Mill-2012 sal-2015, ġew allokati iktar minn EUR 23 miljun għal proġetti edukattivi (inkluż kontribuzzjonijiet mill-gvernijiet tal-Lussemburgu u tal-Awstrija), **u aktar minn 1.5 miljuni tifel u tifla bbenefikaw minn dawn il-proġetti f'26 pajjiż madwar id-dinja.** Il-Kummissjoni ħadet impenn biex iżżid il-proporzjon ta' finanzjament għall-għajnuna umanitarja allokat għall-edukazzjoni

8 Kriżijiet minsijin huma definiti bħala sitwazzjonijiet ta' kriżi umanitarja fit-tul u severi fejn il-popolazzjonijiet affettwati ma huma qed jirċievu l-ebda għajnuna internazzjonali jew din mhijiex biżżejjed u fejn ma hemm l-ebda impenn politiku biex tissolva l-kriżi, parzjalment minħabba nuqqas ta' interess mill-midja. Primarjament dan jirreferi għal sitwazzjonijiet ta' kunflitt fit-tul, iżda jista' jirreferi wkoll għal kriżijiet li jirriżultaw mill-effett kumulattiv ta' diżastri naturali rikorrenti, jew, saħansitra kombinazzjoni tat-tnejn.

9 L-eżerċizzju tal-Valutazzjoni ta' Kriżijiet Minsijin għall-2015 identifika 10 sitwazzjonijiet ta' kriżijiet minsijin: L-Alġerija — il-Kriżi tar-Refuġjati mis-Saħara tal-Punent; Il-Bangladesh — il-kriżi tar-refuġjati Rohingya u f'Chittagong Hill Tracts; Il-Kamerun; Iċ-Ċad; L-Indja — konflitti f'Jammu u fil-Kashmir, fl-Indja ċentrali (is-sedizzjoni tan-Naxaliti) u fil-Grigal tal-Indja; Il-Mjanmar/Burma — il-konflitt f'Kachin u l-kriżi ta' Rakhine; Il-Pakistan; Is-Sudan; Il-Jemen; Il-kriżi tal-Kolombja — il-popolazzjoni affettwata minn kunflitt armat intern fil-Kolombja u r-refuġjati Kolombjani fl-Ekwador u fil-Venezwela.

f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza minn 1% fl-2015 (EUR 11-il miljun) għall-mira tan-NU ta' 4% fl-2016.

L-attivitajiet edukattivi ffinanzjati mill-UE huma mfassla biex iqisu l-ħtiġijiet differenti tat-tfal abbażi tal-età tagħhom, is-sess u ċirkostanzi speċifiċi oħra. L-azzjonijiet ivarjaw mill-iffaċilitar tal-aċċess għall-iskejjel, inklużi klassijiet biex jgħinu lit-tfal jilħqu mal-oħrajn, sal-provvista ta' uniformijiet, materjal tat-tagħlim u t-trasport tat-tfal lejn iċ-ċentri edukattivi. L-UE tagħti wkoll fondi għar-riabilitazzjoni ta' skejjel li jkunu ġarrbu l-ħsara u għall-bini ta' spazji u ta' ċentri ġodda tat-tagħlim. Grazzi għall-appoġġ tal-UE, issa hemm ukoll il-possibilità ta' aċċess għal taħriġ vokazzjonali u għal għajnuna psikosoċjali.

# Il-politika dwar l-għajnuna umanitarja

Il-kriżijiet umanitarji mingħajr preċedent fl-2015 affettwaw lill-Ewropa b'mod dirett permezz taż-żieda massiva ta' refuġjati u ta' migranti. Minħabba dan, l-Unjoni irsistiet għal sforzi kkoordinati qawwija min-naħa tal-komunità internazzjonali biex iwieġbu għall-isfidi umanitarji madwar id-dinja, għal ġestjoni aħjar tar-riskju ta' diżastri u għal aktar involviment tal-atturi tal-iżvilupp f'sitwazzjonijiet ta' spustamenti fit-tul. L-ewwel Summit Umanitarju Dinji li qatt sar bejn diversi partijiet interessati, imsejjaħ min-Nazzjonijiet Uniti, sar bejn it-23-24 ta' Mejju 2016 f'Istanbul. Matul 2015 l-Unjoni kienet minn ta' quddiem fl-appoġġ u fit-tħejjija għas-summit. L-Unjoni kkoorganizzat il-konsultazzjoni Ewropea preparatorja (Budapest, 3-4 ta' Frar 2015) u segwiet mill-qrib il-konsultazzjonijiet reġjonali l-oħra kollha kif ukoll il-konsultazzjoni globali f'Ottubru 2015. Ikkontribwiet għall-istudji mmexxija mill-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA), u appoġġjat il-ħidma tas-Segretarjat tas-Summit.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Settembru 2015[10] iddeskriviet il-prijoritajiet tal-UE għas-summit: ir-rispett lejn id-dritt umanitarju internazzjonali; l-iżgurar ta' twassil effikaċi tal-għajnuna; kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp, inkluż fi kriżijiet fit-tul; sħubija ma' atturi lokali, nazzjonali u reġjonali; u finanzjament umanitarju effiċjenti u suffiċjenti.

## Il-politika dwar l-għajnuna umanitarja u attivitajiet ta' lħiq

F'termini ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-UE kompliet id-djalogi privileġġjati tagħha ma' donaturi kemm membri u dawk li mhumiex membri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD. L-UE organizzat l-ewwel djalogi strateġiċi tagħha mal-Ġappun u mal-Awstralja sabiex jiġu esplorati sinerġiji, jiġu diskussi kwistjonijiet ta' tħassib globali u jiġu kondiviżi l-prijoritajiet. L-UE saħħet ukoll il-kooperazzjoni tagħha mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika, mal-Lega tal-Istati Għarab u mal-Emirati Għarab Magħquda. Eżempju wieħed kien sessjoni ta' ħidma f'Jeddah mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika.

Il-Kummissjoni kompliet tkun minn ta' quddiem fil-koordinazzjoni ċivili-militari permezz tat-tfassil attiv tal-involviment militari tal-UE sabiex ikun hemm rispons aħjar għall-ħtiġijiet tal-komunità umanitarja u sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni bla xkiel fuq il-post eż. fl-ippjanar u fit-twettiq tal-operazzjoni EUNAVFOR MED 'SOPHIA', l-operazzjoni tal-forza navali tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran. Il-Kummissjoni fasslet ukoll b'mod attiv l-approċċ għall-protezzjoni ta' persuni ċivili f'operazzjonijiet militari mmexxija mill-UE,

[10] COM/2015/0419 final

sabiex jiġu riflessi l-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni umanitarja u r-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali.

L-għadd bla preċedent ta' persuni spustati bil-forza fid-dinja — 60 miljun — ħoloq il-ħtieġa għal eżerċizzju ta' rendikont fit-tieni nofs tal-2015. Dan kien immexxi mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u fittex li jitfasslu inizjattivi politiċi, strumenti rilevanti, azzjonijiet, tagħlimiet mgħallma u lakuni fil-livell tal-UE fil-ġestjoni tal-kriżi attwali tar-refuġjati. Fis-26 ta' April 2016, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar L-Ispustar bil-Forza u l-Iżvilupp "Lejn Ħajja b'Dinjità: minn Dipendenza fuq l-għajnuna għal Ħajja indipendenti"[11] u dokument ta' ħidma ta' akkumpanjament tal-Persunal[12]. L-għan tal-Komunikazzjoni huwa li jiġi stabbilit approċċ ġdid orjentat lejn l-iżvilupp insostenn tar-refuġjati, tal-IDPs, tal-persuni rimpatrijati volontarjament u tal-popolazzjonijiet ospitanti fil-pajjiżi sħab.

## L-integrazzjoni tal-politiki tematiċi f'operazzjonijiet umanitarji

### L-ikel u n-nutrizzjoni

Matul l-2015, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, ippresediet u mexxiet il-ħidma tal-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna għall-Ikel. Matul is-sena, il-ħidma kienet tinkludi stqarrija konġunta mill-Kumitat għas-Summit Umanitarju Dinji. Il-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari evolva f'forum sinifikanti għal dibattitu politiku.

F'ċerti diżastri umanitarji, tinżamm il-provvista ta' ikel lis-swieq u lill-ħwienet, iżda l-popolazzjoni affettwata titlef il-kapaċità tal-akkwist tagħha. F'każijiet bħal dawn, l-'approċċ ta' flus kontanti' jiżgura li l-għajnuna umanitarja tilħaq direttament lil dawk l-aktar fil-bżonn fil-ħin. It-trasferimenti ta' flus kontanti jsiru malajr, huma kosteffikaċi u jagħtu għażla akbar lill-persuni fil-bżonn. Il-benefiċċji għall-ekonomiji lokali, l-awtonomizzazzjoni tal-benefiċjarji, id-dinjità, u s-setgħa deċiżjonali għall-persuni li jistgħu jagħżlu l-oġġetti li jixtru huma wħud mill-vantaġġi ta' dan l-approċċ. F'Marzu 2015, il-Kunsill approva dokument dwar '10 prinċipji komuni għal assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq il-flus kontanti b'reazzjoni għall-ħtiġijiet umanitarji'. Id-dokument jivvaluta l-opportunitajiet għal assistenza b'diversi għanijiet ibbażata fuq il-flus kontanti kemm minn perspettiva operattiva kif ukoll ta' politika.

### Linji gwida dwar il-kenn u l-insedjamenti

Iż-żieda allarmanti fil-popolazzjonijiet spustati matul l-aħħar għaxar snin, flimkien mal-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali kontinwi minħabba t-tibdil fil-klima, żiedet bil-kbir il-ħtieġa għal interventi umanitarji effikaċi u effiċjenti ta' kenn u ta' insedjament. Bħala riżultat, il-kapaċità globali ta' kenn u ta' insedjamenti teħtieġ tiġi aġġornata u l-fondi għandhom jintużaw b'mod aktar effettiv sabiex ikollhom impatt akbar fuq l-għadd dejjem jikber ta' persuni fil-bżonn. Biex tinġabar l-aħjar prattika f'dan is-settur, li għalih hemm allokat sa EUR 180 miljun fis-sena, qed jitħejjew linji gwida, u l-fażi ta' konsultazzjoni esterna tlestiet fl-2015.

[11] COM/2016/234
[12] SWD/2016/142

# Il-Protezzjoni Ċivili

**Il-provvista ta' assistenza tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni ċivili hija kkoordinata miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC).** L-għajnuna tikkonsisti f'għajnuna governattiva mill-istati parteċipanti fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili[13] li tingħata immedjatament wara diżastru. L-ERCC jimmonitorja kriżijiet madwar id-dinja fuq bażi ta' erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa, sabiex tiġi żgurata azzjoni komplementari mill-UE u mill-Istati Membri tagħha.

Il-mekkaniżmu jiżgura reazzjoni kkoordinata tajjeb fuq livell Ewropew għall-vittmi ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa u fi bnadi oħra, fosthom f'każijiet fejn tiġi invokata l-klawżola ta' Solidarjetà (l-Artikolu 222 tat-TFUE). Fl-2015, il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat għal 25 emerġenza (twissijiet minn qabel, monitoraġġ u talbiet għall-għajnuna) u rċieva 19-il talba għal għajnuna diretta fl-UE u f'pajjiżi oħra milquta minn diżastri. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ssegwi politiki effettivi ta' prevenzjoni u ta' tħejjija mal-Istati Membri.

## Il-kriżi tar-refuġjati fis-Sirja

**Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi ġirien li jkunu qed jiffaċċjaw żidiet kbar fil-kriżi tar-refuġjati li jiżbqu l-kapaċitajiet ta' rispons immedjat tagħhom.** Mit-tieni nofs tal-2015, l-Ungerija, is-Serbja, is-Slovenja, il-Kroazja u l-Greċja talbu għal għajnuna permezz tal-Mekkaniżmu. Ħmistax-il pajjiż għamlu offerti ta' għajnuna, u erba' talbiet komplew ikunu attivi fl-2016. EUR 490 000 mill-baġit tal-UE ġie allokat għall-kofinanzjament tat-trasport u tal-konsenja lill-pajjiżi affettwati mill-kriżi.

Is-Serbja, pereżempju, ġiet ikkonfrontata b'influss massiv ta' refuġjati u migranti fi tranżitu mill-Greċja lejn l-Ungerija jew lejn il-Kroazja. Biex tkun tista' tlaħħaq mal-influss ta' refuġjati, f'Settembru 2015, is-Serbja irċeviet għajnuna mhux finanzjarja minn pajjiżi Ewropej oħra, fil-forma ta' vetturi, fjuwil, oġġetti tal-iġjene, sodod, saqqijiet u ikel.

Il-Greċja ingħatat għajnuna mhux finanzjarja fil-forma ta' tined, sodod, *sleeping bags*, kutri, provvisti tal-iġjene, ġeneraturi tal-enerġija, pompi tal-ilma, tagħmir għat-tifi tan-nar u tagħmir speċjalizzat ieħor.

L-Ungerija, is-Slovenja u l-Kroazja irċevew ukoll assistenza materjali mill-pajjiżi parteċipanti fil-Mekkaniżmu bħal tined għax-xitwa, sodod u kutri biex ikunu jistgħu jlaħħqu aħjar mal-wasla tar-refuġjati u ta' dawk li jfittxu l-asil.

## Ir-rispons għall-Ebola

Fl-14 ta' Jannar 2016, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ddikjarat it-tmiem tat-trasmissjoni tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent. Mill-bidu tal-agħar epidemija tal-Ebola fl-istorja (Marzu 2014), l-UE u l-Istati Membri tagħha immobilizzaw rapidament ir-riżorsi politiċi, finanzjarji u xjentifiċi tagħhom sabiex jgħinu fit-trażżin, fil-kura u fl-aħħar mill-aħħar fl-eliminazzjoni tal-virus tal-Ebola. B'baġit umanitarju totali ta' EUR 71 miljun mill-bidu tal-epidemija, l-UE indirizzat l-aktar ħtiġijiet urġenti billi pprovdiet attivitajiet ta'

[13] 33 fl-2015 - it-28 Stat Membru tal-UE, kif ukoll l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, u 34 fl-2016 meta Turkija saret stat parteċipant (fl-4/4/2016)

appoġġ fosthom: sorveljanza epidemika, dijanjostika, trattament u provvisti mediċi; l-iskjerament ta' tobba u ta' infermiera; taħriġ tal-ħaddiema fil-kura tas-saħħa; u sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni.

**L-ERCC kellu rwol ċentrali fil-koordinazzjoni tar-rispons tal-UE**, permezz ta' laqgħat regolari ta' koordinazzjoni tat-Task Force tal-UE dwar l-Ebola, li laqqgħu flimkien id-dipartimenti kollha rilevanti tal-Kummissjoni (KĠ u fuq il-post), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, id-Delegazzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri tal-UE, il-korpi tan-NU u s-sħab umanitarji tal-UE. Fl-UE l-Istati Membri kkoordinaw l-attivitajiet tagħhom permezz ta' laqgħat regolari tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa stabbilit skont id-Deċiżjoni 1082/13 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa[14], abbażi ta' valutazzjonijiet rapidi tar-riskji mħejjija miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard[15]. L-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ppermettiet il-varar ikkoordinat u rapidu ta' provvisti ta' emerġenza u ta' esperti offruti mill-Istati Membri ('il fuq minn 100 titjira u żewġ vapuri tal-merkanzija). Ġiet stabbilita sistema ta' evakwazzjoni medika biex tappoġġja l-mobilizzazzjoni u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ħaddiema umanitarji internazzjonali. L-iskjerament ta' laboratorji mobbli mill-Kummissjoni kellu rwol ċentrali fid-dijanjożi tal-Ebola fil-popolazzjoni fl-Afrika tal-Punent.

F'Marzu 2015, l-UE ospitat il-konferenza 'L-Ebola: minn stat ta' emerġenza għall-irkupru'. Din enfasizzat il-ħtieġa li jinżamm il-momentum sabiex tiġi evitata żieda qawwija f'każijiet ġodda, u biex jiġu ppjanati l-passi li jmiss fil-ġlieda kemm kontra t-tifqigħa attwali kif ukoll kontra kwalunkwe tifqigħa sussegwenti tal-virus tal-Ebola.

## Il-Korp Mediku Ewropew

**Il-kunċett tad-disponibbiltà ta' 'riserva' ta' timijiet mediċi u tas-saħħa pubblika biex jiġu mobilizzati taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili – issa magħruf bħala l-Korp Mediku Ewropew – issawwar fl-2015, wara t-tagħlimiet mgħallma mill-kriżi tal-Ebola**[16]. Ir-rekwiżiti dwar il-kwalità u l-interoperabbiltà kienu definiti u estiżi skont l-istandards il-ġodda tad-WHO għall-moduli mediċi. Għalhekk il-"konsorzjament volontarju" tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili qiegħed jikber bl-inklużjoni ta' timijiet mediċi, timijiet responsabbli għas-saħħa pubblika, laboratorji mobbli tal-bijosikurezza, kapaċitajiet ta' evakwazzjoni medika, u timijiet speċjalizzati ta' valutazzjoni u ta' appoġġ. It-tnedija uffiċjali — b'għadd ta' kapaċitajiet ta' rispons mediku disponibbli assenjat lill-konsorzjament volontarju — saret fil-15 ta' Frar 2016.

## Ir-rispons għal diżastri naturali

Madwar id-dinja, id-diżastri naturali qegħdin jikbru fil-frekwenza, fil-kumplessità u fis-severità, u huma aggravati minn sfidi bħat-tibdil fil-klima.

Kull sena, fl-Ewropa u madwar id-dinja jseħħu nirien forestali devastanti, li jeqirdu eluf ta' ettari ta' foresti. Meta l-iskala ta' nar teċċedi l-kapaċità ta' pajjiż li jitfih, jista' jiġi attivat il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili biex jinġiebu riżorsi addizzjonali kkoordinati. L-ERCC jimmonitorja r-riskju u l-inċidenza ta' nirien forestali madwar l-Ewropa kollha erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, billi juża servizzi nazzjonali ta'

[14] http://ec.europa.eu/health/preparedness_response/docs/decision_serious_crossborder_threats_22102013_mt.pdf
[15] http://ecdc.europa.eu/en/Pages/home.aspx
[16] 2015/C 421/04

monitoraġġ u għodod bħas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti. F'Lulju 2015, il-Greċja talbet għall-għajnuna taħt il-mekkaniżmu biex tiġġieled għexieren ta' nirien forestali, u bi tweġiba, intbagħtu ajruplani tat-tifi tan-nar fil-foresti biex jgħinu. F'dawn ix-xenarji l-UE tista' tiffaċilita l-koordinazzjoni globali tat-trasport u tal-loġistika u f'dan il-każ ikkofinanzjat it-trasport ta' għajnuna lill-Greċja. Fl-2015, il-kofinanzjament totali tat-trasport tal-UE kien aktar minn EUR 14-il miljun, bħala parti mill-appoġġ finanzjarju tal-UE għat-trasport ta' għajnuna offruta mill-istati parteċipanti fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

Il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat ukoll bi tweġiba għal diżastri oħra fosthom l-għargħar fl-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fl-Albanija, fil-Mjanmar/Burma u fil-Bangladesh, għan-nirien forestali fil-Paragwaj u għat-terremot fin-Nepal.

## Prevenzjoni u tħejjija

Il-prevenzjoni u t-tħejjija jnaqqsu l-agħar impatti tad-diżastri umani u naturali, u jistgħu jappoġġjaw adattament aktar effettiv kontra l-impatti tat-tibdil fil-klima. Eżempju ta' eżerċizzju ta' suċċess ta' protezzjoni ċivili huwa x-xenarju ta' aċċident kbir li sar f'żona industrijali f'Oslo f'April 2015. L-eżerċizzju ddrammatizza ħabta ta' vapur, u nar f'żona tat-tankijiet li wassal għal splużjoni u t-tixrid ta' sustanzi perikolużi. L-għan tal-eżerċizzju kien li jiġi ttestjat ir-rispons ta' emerġenza u ta' salvataġġ u tal-proċeduri deċiżjonali. Il-parteċipanti kienu jinkludi s-servizzi ta' emerġenza Norveġiżi, il-muniċipalità ta' Oslo, il-gvernatur tal-kontea, l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali u timijiet u esperti Ewropej u internazzjonali mill-ERCC.

## Il-politika dwar il-Protezzjoni Ċivili

Wara l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni f'Ottubru 2014, **l-2015 kienet ikkaratterizzata mill-implimentazzjoni rapida tal-Kapaċità Ewropea ta' Rispons ta' Emerġenza fil-forma ta' konsorzjament volontarju ta' kapaċitajiet ta' rispons tal-Istati Membri.** Il-parteċipanti interessati taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili jistgħu jikkommettu minn qabel diversi tipi ta' kapaċitajiet ta' rispons għall-konsorzjament volontarju biex jintużaw f'missjonijiet ikkoordinati tal-UE ta' protezzjoni ċivili. Il-konsorzjament volontarju jippermetti ppjanar aħjar ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu u arranġamenti flessibbli ta' riżerva. Sal-aħħar tal-2015, fil-konsorzjament volontarju kienu ġew irreġistrati 21 modulu u kapaċitajiet oħra ta' rispons. Il-kapaċità fil-mira tal-konsorzjament volontarju huwa ta' 41 modulu sal-2020.

Il-Kummissjoni qiegħda tkompli l-ilħiq internazzjonali tagħha mas-sħab strateġiċi tal-protezzjoni ċivili madwar id-dinja (iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-ASEAN, eċċ.) u l-ħidma kontinwa tagħha mal-pajjiżi kandidati tal-UE u ma' pajjiżi kandidati potenzjali. B'żieda ma' dan, fl-2015, il-Kummissjoni żviluppat forma ġdida ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi ġirien Ewropej, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat[17]. Għadd ta' pajjiżi tal-viċinat ser jiġu offruti forma ta' sħubija assoċjata sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jikkooperaw fir-rigward tal-ġestjoni ta' diżastri taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

[17] JOIN/2015/50 final

L-2015 rat ukoll l-aktar edizzjoni ta' suċċess tal-Forum Ewropew dwar il-Protezzjoni Ċivili, il-konferenza kbira biennali li tlaqqa' flimkien il-partijiet interessati Ewropej kollha tal-protezzjoni ċivili u wħud internazzjonali. Il-Forum tal-2015 ipprovda l-pjattaforma għat-tnedija uffiċjali ta' ħidma ma' pajjiżi tal-viċinat, kif ukoll l-aspett importanti ġdid ta' ħidma dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod fil-protezzjoni ċivili.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet involuta b'mod attiv mal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali. Dan joħroġ mir-rekwiżit tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili sabiex sa Diċembru 2015 il-pajjiżi parteċipanti jippreżentaw rapporti nazzjonali dwar il-valutazzjoni tar-riskju lill-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tar-riskju qed tiġi indirizzata wkoll bħala parti minn inizjattiva globali biex jiġi żviluppat l-indiċi INFORM għall-ġestjoni tar-riskju f'kooperazzjoni mal-Kumitat Permanenti Interaġenziji u ma' diversi sħab internazzjonali oħra. INFORM 2015, li jkopri 191 pajjiż, tnieda kmieni fl-2015 u għen lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-proċessi deċiżjonali u l-allokazzjonijiet ta' finanzjament.

## Tħejjija u reżiljenza għad-diżastri

**L-għan tal-programm tal-ECHO ta' Tħejjija għad-Diżastri (DIPECHO) huwa li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' tħejjija fil-pajjiż sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni bikrija biex jitnaqqsu l-impatti ta' periklu, u t-telf ta' assi u mwiet, u biex jirrispondi għall-ħtiġijiet umanitarji.** Il-programm huwa integrat b'mod sħiħ fil-qafas ta' finanzjament ta' għajnuna umanitarja. Il-Pjanijiet kollha ta' Implimentazzjoni Umanitarja[18] jinkorporaw analiżi ta' għażliet u ta' prijoritajiet għat-tħejjija, għal azzjoni bikrija u għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Bħala medja, kull euro li jintefaq fuq attivitajiet ta' tnaqqis u ta' tħejjija jiffranka bejn erba' u seba' euro li kieku jintefqu f'rispons għall-konsegwenzi ta' diżastru. Fl-2015, l-azzjonijiet taħt il-programm saħħu wkoll il-kapaċitajiet ta' rispons lokali permezz ta' investiment f'sistemi ta' twissija bikrija, il-provvista ta' taħriġ lill-uffiċjali tal-awtoritajiet lokali, it-twaqqif u l-iżvilupp ta' kumitati lokali tal-ġestjoni tad-diżastri, l-organizzazzjoni ta' simulazzjonijiet, eċċ. Fl-2015, kważi EUR 38 miljun ġew allokati għall-programm DIPECHO, li dan żied l-għadd ta' benefiċjarji diretti ta' attivitajiet ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri minn 16-il miljun għal 24 miljun madwar id-dinja. Is-sena preċedenti 43% tal-operazzjonijiet umanitarji kollha kienu jinkludu attivitajiet għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri. Dawn l-isforzi huma mistennija jikkontribwixxu wkoll għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

Fl-2015 l-UE assumiet rwol ta' tmexxija fil-bini ta' qafas b'saħħtu, ambizzjuż u msaħħaħ għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. L-UE kellha rwol sinifikanti ħafna waqt it-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri li saret f'Mejju 2015, li matulha ġie adottat il-qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030. Issa t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri huwa stabbilit sew bħala element ewlieni tal-isforzi ta' żvilupp sostenibbli, u jiffoka fuq il-kapaċità tal-komunità internazzjonali biex tnaqqas ir-riskji u ssaħħaħ ir-reżiljenza għad-diżastri. L-indirizzar tal-isfidi interkonnessi tar-riskju ta' diżastri, l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima huwa rikonoxxut bħala prinċipju gwida importanti. L-adozzjoni ta' dan il-qafas il-ġdid tistabbilixxi miri u prijoritajiet ċari għal azzjoni li ser twassal għal tnaqqis sostanzjali fir-riskju ta' diżastri u

[18] Kull sena l-Kummissjoni tadotta 'Deċiżjoni Dinjija' li tkopri l-azzjonijiet kollha ta' għajnuna umanitarja li l-Unjoni qed tantiċipa li tiffinanzja matul perjodu partikolari. Fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tħejji u tippubblika "Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarja" li jipprovdu informazzjoni aktar iddettaljata dwar il-prijoritajiet operattivi identifikati.

ta' telf ta' ħajjiet, għajxien u ta' saħħa. L-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai tul il-15 sena li ġejjin ser tirrikjedi impenn u tmexxija politika. Il-Kummissjoni qed issegwi l-Konferenza ta' Sendai permezz ta' pjan ta' azzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas internazzjonali ġdid[19]. L-Unjoni ser ikollha rwol attiv fil-grupp ta' ħidma ta' esperti intergovernattiv li twaqqaf sabiex jiġu żviluppati indikaturi globali biex jitkejjel il-progress globali dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai.

Il-Kummissjoni ser ikollha rwol attiv fil-grupp ta' ħidma ta' esperti intergovernattiv li twaqqaf sabiex jiġu żviluppati indikaturi globali biex jitkejjel il-progress globali dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai.

# VOLUNTIERA TAL-GĦAJNUNA TAL-UNJONI EWROPEA

L-għan tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE huwa li, bejn l-2014 u l-2020, iġġib flimkien madwar 18 000 voluntier minn Stati Membri tal-UE biex jappoġġjaw l-isforzi tal-UE biex issaħħaħ il-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli f'pajjiżi oħra. L-inizjattiva tipprovdi opportunitajiet għall-bini ta' kapaċità u għal assistenza teknika għall-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jospitaw il-voluntiera. L-ewwel sejħiet għall-proposti tnedew fl-2015. Intgħażlu għaxar proġetti għall-kofinanzjament: erbgħa għal assistenza teknika u sitta għall-bini ta' kapaċità f'oqsma bħall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, l-immaniġġjar tal-voluntiera, il-kapaċità li jiġu sottoposti għal ċertifikazzjoni, għodod u metodi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet, il-bini ta' sħubiji, u attivitajiet ta' komunikazzjoni. B'kollox, hemm 88 organizzazzjoni involuti fl-implimentazzjoni ta' proġetti. L-ewwel riżultati konkreti mill-azzjonijiet preparatorji u ta' implimentazzjoni inizjali huma mistennija fl-2016 meta l-voluntiera mħarrġa ser jintbagħtu fuq proġetti umanitarji madwar id-dinja.

## Ċertifikazzjoni

L-organizzazzjonijiet kollha li jixtiequ jibagħtu jew jospitaw voluntiera taħt l-inizjattiva għandhom ikunu ċċertifikati. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni jivverifika li l-istandards għoljin u l-proċeduri dwar l-immaniġġjar tal-voluntiera, stabbiliti biex jiġu protetti u mmaniġġjati l-voluntiera matul l-iskjerament tagħhom, jistgħu jiġu rrealizzati bis-sħiħ u jiġu ssodisfatti mill-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha. F'Jannar 2015, ġiet ippubblikata sejħa għall-applikazzjonijiet biex tiġi stabbilita lista ta' organizzazzjonijiet mittenti u ospitanti ċċertifikati. Sal-aħħar tal-2015 ingħataw sittax-il ċertifikazzjoni. Iċ-ċertifikazzjoni hija proċess kontinwu u s-sejħa hija miftuħa sat-30 ta' Settembru 2020.

## Skjerament u taħriġ

L-għażla, it-tħejjija u l-iskjerament tal-voluntiera huma l-azzjonijiet ewlenin taħt l-inizjattiva. F'Lulju 2015 ġiet ippubblikata sejħa għall-proposti għall-iskjerament ta' voluntiera. Sa Ottubru 2015, kienu ġew ippreżentati żewġ applikazzjonijiet li kienu jinkludu 27 organizzazzjoni u l-iskjerament ta' 44 voluntier wara s-sajf tal-2016. Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotjiet ser jiġu finalizzati fl-2016.

[19] SWD/2016/205 final/2

F’Ottubru ġiet ippubblikata sejħa miftuħa għal offerti għat-taħriġ. L-għan huwa li jiġu pprovduti servizzi ta’ taħriġ lill-voluntiera kandidati u biex jiġu vvalutati l-kompetenza u l-kapaċitajiet tagħhom. Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-iffirmar tal-kuntratt(i) qafas ser jiġu finalizzati fl-2016.

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) tal-Kummissjoni hija responsabbli għall-ġestjoni sħiħa taċ-ċiklu tal-ħajja tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE. Din tikkonsisti fl-implimentazzjoni tal-programm inkluż is-sejħa għall-proposti, l-analiżi tat-talbiet għal għotjiet, il-proċess ta’ ċertifikazzjoni, il-monitoraġġ tal-proġetti fuq il-post, u t-tixrid tar-riżultati tal-proġetti u tal-programm. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-iżvilupp tal-qafas legali li huwa l-bażi tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u għandha rwol ewlieni ta’ sorveljanza tal-elementi finanzjarji, operazzjonali u politiċi tal-inizjattiva.

# Koordinazzjoni ma' strumenti oħra tal-UE

L-UE tagħti importanza kbira lir-rabta bejn l-għajnuna umanitarja, bħala miżura ta' rispons rapidu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u strumenti oħra tal-UE li jagħtu aktar prijorità lil sforzi ta' żvilupp u ta' rikostruzzjoni fit-tul. Ir-rabta bejn l-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp hija kumplessa u teħtieġ aktar koordinazzjoni — li twassal għal approċċi konġunti bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, u implimentazzjoni kollaborattiva, monitoraġġ u insegwiment tal-progress.

**Il-ħtieġa għal aktar investiment f'dan l-approċċ kienet riaffermata fl-2015 bil-pubblikazzjoni tal-Kompendju dwar ir-Reżiljenza tal-UE**. L-għan ta' din il-pubblikazzjoni huwa li jitrawwem tagħlim u fehim aħjar ta' kif ir-reżiljenza tista' twassal għal għajnuna umanitarja aktar effettiva u bidla transformazzjonali għal dawk l-aktar vulnerabbli fuq terminu twil. Il-kompendju jenfasizza l-mod kif il-prinċipji ta' reżiljenza huma diġà inkorporati f'ħafna mill-programmi tal-UE, bħall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-ħarsien soċjali. Il-Kompendju tnieda waqt it-tielet Konferenza Dinjija tan-NU dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, li saret f'Sendai, il-Ġappun, f'Marzu 2015.

**L-"Appoġġ għar-Reżiljenza tal-Qarn tal-Afrika" (SHARE) u l-"Alleanza Globali għall-Inizjattiva tar-Reżiljenza" (AGIR) tal-UE huma inizjattivi konġunti emblematiċi tas-servizzi tal-Kummissjoni.** L-għan tagħhom huwa li tittejjeb il-kapaċità tal-persuni, tal-komunitajiet u tal-pajjiżi biex jiffaċċjaw emerġenzi persistenti u akuti fil-Qarn tal-Lvant tal-Afrika u fis-Saħel fl-Afrika tal-Punent. Għal dak il-għan, huwa kruċjali li l-atturi tal-iżvilupp, il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-għajnuna jaħdmu flimkien biex jinkiser iċ-ċiklu ta' emerġenzi. Il-momentum li nħoloq miż-żewġ inizjattivi wassal lil disa' pajjiżi fir-reġjuni biex jadottaw prijoritajiet ta' reżiljenza nazzjonali sal-2015.

F'Lulju 2015, is-servizzi tal-Kummissjoni flimkien organizzaw seminar bl-għan li l-prattikanti li jaħdmu fis-settur umanitarju u tal-iżvilupp li jaħdmu fi/dwar pajjiżi fraġli u affettwati minn kriżijiet jiġu aġġornati dwar l-aħħar żviluppi politiċi, kif ukoll dwar kunċetti, prinċipji, approċċi, għodod u proċeduri biex jiġu indirizzati aħjar sitwazzjonijiet ta' fraġilità u ta' kriżi permezz ta' lenti ta' reżiljenza biex jiġi evitat id-deterjorament u tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel minn għajnuna umanitarji għall-iżvilupp.

**Barra minn hekk is-Servizzi tal-Kummissjoni u d-Delegazzjonijiet tal-UE qed jaħdmu mill-qrib fuq l-inizjattiva konġunta tal-UE "Il-Bini ta' Reżiljenza fl-Etjopja" (RESET).** Din qed tiġi implimentata f'żoni fil-pajjiż suxxettibbli għan-nixfa. L-inizjattiva ma tindirizzax biss is-sintomi ta' faqar estrem iżda anke wħud mill-kawżi ewlenin tal-insigurtà tal-ikel u tal-malnutrizzjoni. Permezz ta' dan, tipprovdi kapaċità akbar lill-familji biex jiffaċċjaw u jirreżistu xokkijiet futuri. F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni adottat RESET II[20], Pjan ta' Azzjoni għall-Etjopja li jintegra l-objettivi speċifiċi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond Fiduċjarju tal-UE.

Il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika tnieda mis-sħab Ewropej u Afrikani waqt is-Summit tal-Belt Valletta dwar il-Migrazzjoni fit-12 ta' Novembru 2015. **Il-Fond Fiduċjarju ser jgħin lil pajjiżi fir-reġjun tas-Saħel, fiż-żona tal-Lag Ċad, fil-Qarn tal-Afrika u fl-Afrika ta' Fuq li huma fost l-aktar fraġli u affettwati mill-migrazzjoni.** Il-Fond Fiduċjarju jiġbor flimkien flus minn strumenti finanzjarji differenti

[20] http://ec.europa.eu/europeaid/action-document-eutf-action-document-implementation-horn-africa-window-ethiopia-reset-ii_en

tal-UE, issupplimentat minn fondi addizzjonali mill-Istati Membri tal-UE u minn donaturi oħra.

L-għan tal-Fond Fiduċjarju huwa li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u l-ispustament fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni, permezz ta' firxa ta' setturi ta' prijorità: programmi ekonomiċi, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-istabbiltà u l-governanza, u r-reżistenza. Il-proġetti ta' reżiljenza jappoġġjaw servizzi bażiċi għall-popolazzjonijiet lokali, u b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, kif ukoll ir-refuġjati u l-persuni spustati, inkluż permezz ta' ċentri komunitarji jew mezzi oħra ta' kif dawn jiġu pprovduti b'sigurtà alimentari u nutrizzjonali, saħħa, edukazzjoni, u protezzjoni soċjali, kif ukoll sostenibbiltà ambjentali.

**Il-Fond Fiduċjarju ta' Bekou li għadu kemm twaqqaf għandu l-għan li jippromwovi l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni tar-Repubblika Ċentru-Afrikana.** Jiffoka fuq il-kollegament bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp, u fuq ir-reżiljenza. Il-kontribuzzjonijiet jiġu mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, mill-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, mill-Għajnuna Umanitarja tal-UE u mill-programmi tal-Istati Membri tal-UE. L-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Fiduċjarju ta' Bekou jikkumplimentaw ukoll l-attivitajiet taħt l-Istrument tal-UE li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi. Il-Fond ġie stabbilit f'Lulju 2014 mill-Unjoni u minn tliet Stati Membri: Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands, u fl-2015 ingħaqdu magħhom l-Italja u l-Iżvizzera.

Fl-2015, il-Fond Fiduċjarju ta' Bekou ffoka fuq tliet komponenti: 1) ir-reżiljenza tal-komunitajiet f'termini ta' sigurtà alimentari permezz tat-tqassim ta' "kaxxi ta' reżiljenza" abbażi ta' sistema integrata ta' "skejjel għall-bdiewa fuq il-post" (*farmer-field schools*); 2) l-akkumpanjament ta' attivitajiet pastorali permezz tar-riorganizzazzjoni ta' netwerks ta' transumanza u l-iżvilupp ta' servizzi veterinarji; u 3) it-twaqqif ta' setturi tal-ikel, tal-ħxejjex u tal-bhejjem żgħar f'Bangui f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali.

Barra minn hekk, il-vulnerabbiltà u l-esponiment dejjem akbar tal-persuni u tal-assi, u l-frekwenza u s-severità tal-perikli, huma raġunijiet imperattivi biex jinstabu modi innovattivi biex jiġi sfruttat b'mod sħiħ l-użu tax-xjenza u tat-teknoloġija. Pereżempju, il-Kummissjoni appoġġjat riċerka urġenti dwar l-Ebola dwar trattamenti, tilqim u testijiet dijanjostiċi potenzjali b'fondi ta' kważi EUR 140 miljun, b'ingranaġġ ta' EUR 100 miljun addizzjonali mill-industrija tal-farmaċewtika.

Il-Kollaborazzjoni tar-Riċerka Globali għat-Tħejjija għall-Mard Infettiv (GloPID-R) twaqqfet bl-appoġġ tal-KE. Iġġib flimkien organizzazzjonijiet ta' finanzjament fuq skala globali għal rispons effettiv tar-riċerka għal tifqigħat maġġuri ta' mard infettiv b'potenzjal pandemiku. Uriet il-valur tagħha fit-tifqigħa tal-Ebola kif ukoll fit-tifqigħa taż-Zika. Is-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP) iġġib flimkien il-pajjiżi Ewropej u dawk Afrikani bil-għan li jiġu żviluppati interventi ġodda (dijanjostika, mediċini, vaċċini) kontra l-HIV/AIDS, il-Malarja u t-Tuberkulożi (b'kontribuzzjoni ta' EUR 683 miljun mill-UE).

Għadd ta' azzjonijiet iddedikati ta' riċerka u innovazzjoni dwar l-indirizzar tal-fenomenu tal-migrazzjoni ġew iffinanzjati minn Orizzont 2020 inkluż permezz tas-sejħa reċenti dwar il-migrazzjoni, ir-radikalizzazzjoni, l-integrazzjoni (EUR 7.5 miljuni).

Fl-2015 il-Kummissjoni Ewropea nediet l-inizjattiva science4refugees għat-tqabbil ta' refuġjati u ta' persuni li jfittxu asil li għandhom sfond akkademiku ma' istituzzjonijiet akkademiċi Ewropej u industriji interessati. 224 organizzazzjoni ta' riċerka identifikaw postijiet battala għar-refuġjati u diġà rreġistraw 42 riċerkatur refuġjati.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni dwar ix-xjenza u t-teknoloġika ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-enfasi hija fuq il-bini ta' sħubiji. Pereżempju, matul l-2015 saru l-ewwel passi importanti lejn l-iżvilupp ta' Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni bejn l-UE u l-Afrika dwar is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali u l-agrikoltura sostenibbli (FNSSA). Il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri Ewropej u l-pajjiżi Afrikani diġà investew madwar EUR 70 miljun fiha.

F'Settembru 2015, il-Kummissjoni nediet ċentru intern ġdid biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirrispondu għall-emerġenzi, jipprevjenu u jnaqqsu l-impatt ta' diżastri. Iċ-Ċentru ta' Għarfien għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri jindirizza:

- il-ħtieġa tat-titjib u l-kapitalizzazzjoni fuq l-għarfien xjentifiku u operattiv dwar id-diżastri;
- il-ħtieġa li jsir użu aħjar mill-għarfien eżistenti fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' diżastru fit-tfassil tal-politika u fl-operazzjonijiet; u
- il-ħtieġa tal-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien peress li din hija essenzjali biex tittejjeb l-interfaċċja bejn ix-xjenza/politika dwar l-għarfien.

# RIŻORSI UMANI U FINANZJARJI

## Il-baġit umanitarju tal-UE f'livell storikament għoli

L-għajnuna umanitarja u ta' protezzjoni ċivili pprovduta fl-2015 laħqet valur ta' aktar minn EUR 1.5 biljuni. Dan serva biex jgħin lil aktar minn 134 miljun benefiċjarju maqbuda f'diżastri naturali jew f'konflitti f'aktar minn 80 pajjiż. Is-sena 2015 rat l-akbar baġit ta' għajnuna umanitarja li qatt ġie esegwit mill-Kummissjoni. Dan kien tweġiba ċara għad-diżastri naturali u għall-kriżijiet umanitarji dejjem aktar frekwenti u devastanti. Ir-rinforzi baġitarji fl-2015 essenzjalment kienu jittrattaw:

- il-kriżijiet tar-refuġjati għall-popolazzjonijiet affettwati mill-konflitt Sirjan, fis-Sirja iżda anke fil-pajjiżi tal-viċinat u tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent;
- Is-Sudan t'Isfel, fejn il-konflitt li għaddej qed ikompli jiġġenera ħtiġijiet umanitarji kbar għall-persuni fil-pajjiż u għar-refuġjati tas-Sudan t'Isfel bnadi oħra fir-reġjun; u
- azzjonijiet ta' emerġenza f'pajjiżi affettwati mill-fenomenu ta' temp estrem El Niño fl-Afrika, fil-Karibew, u fl-Amerika Ċentrali u t'Isfel.

Matul l-2015, il-Kummissjoni kompliet tieħu vantaġġ mill-opzjonijiet il-ġodda ta' finanzjar skont l-Artikolu 21(2)(b)[21] tar-Regolament Finanzjarju tal-2012,[22] b'użu akbar tal-introjti assenjati esterni, li jippermettu lill-Istati Membri tal-UE u lil organizzazzjonijiet oħra ta' donaturi li jiddelegaw il-ġestjoni ta' xi wħud mill-fondi tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea,

[21] L-Istati Membri u l-pajjiżi li mhumiex fl-UE, inklużi l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet jew persuni fiżiċi, jistgħu jipprovdi lill-Kummissjoni bi dħul assenjat għal ċerti proġetti ta' għajnuna esterna jew programmi ffinanzjati mill-Unjoni.

[22] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

biex b'hekk ikun hemm approċċ aktar razzjonali għall-ġestjoni tal-għajnuna f'ċertu setturi u pajjiżi. L-akbar dħul estern ġie mir-Renju Unit u minn Franza.

Bħala donatriċi ta' għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni ma timplimentax programmi ta' għajnuna umanitarja. Twettaq il-missjoni tagħha billi tiffinanzja azzjonijiet umanitarji mwettqa minn organizzazzjonijiet imsieħba. Is-sħab huma organizzazzjonijiet mhux governattivi li jiffirmaw ftehim ta' qafas ta' sħubija, l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti koperti mill-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv bejn l-UE u n-NU, jew organizzazzjonijiet internazzjonali[23] li magħhom ir-relazzjonijiet huma rregolati minn ftehim qafas ta' sħubija ad hoc. It-tqassim tal-finanzjament skont is-sieħeb ta' implimentazzjoni għall-2015 huwa kif ġej:

- 47% lil organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- 39% lil aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti;
- 13% lil organizzazzjonijiet internazzjonali;
- 1% għal kuntratt dirett tal-ECHO flight u kuntratt mal-Università ta' Noha.

Bħal fis-snin preċedenti, fl-2015 l-azzjonijiet fl-Afrika rċevew l-aktar finanzjament sostanzjali, segwiti mil-Lvant Nofsani b'enfasi speċjali fuq il-kriżi fis-Sirja. Madwar 98% tal-baġit tal-2015 għall-protezzjoni umanitarja u ċivili intuża għal attivitajiet operattivi u t-2% li fadal għal attivitajiet amministrattivi u ta' politika.

## Riżorsi umani

**Hemm 344 membru tal-persunal jaħdmu fil-kwartieri ġenerali fi Brussell, u 'l fuq minn 465 espert fil-qasam umanitarju fi 48 uffiċċju fuq il-post** li jinsabu f'dawk il-pajjiżi l-aktar affettwati minn kriżijiet fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja, fl-Amerika Latina u fil-Balkani tal-Punent. In-netwerk dinji ta' uffiċċji fuq il-post jippermetti analiżi aġġornata ta' ħtiġijiet eżistenti u previsti f'pajjiż jew f'reġjun partikolari, sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' attivitajiet u l-koordinazzjoni ma' donaturi u sħab ta' implimentazzjoni oħra fuq il-post.

Fl-2015, il-Kummissjoni wettqet reviżjoni tan-netwerk tagħha fuq il-post bil-għan li

- Tissaħħaħ il-flessibilità u l-kapaċità ta' intervent rapidu fi ħdan in-netwerk, permezz tal-identifikazzjoni minn qabel ta' 25 assistent tekniku bi rwol espliċitu ta' intervent rapidu u permezz tal-ħolqien ta' erba' pożizzjonijiet ta' "esperti fil-qasam ta' rispons rapidu" li jistgħu jiġu skjerati f'qasir żmien;

- Jiġi żgurat tqabbil aħjar bejn ir-riżorsi u l-prijoritajiet, li wassal għal tibdil fil-bilanċ tal-preżenza fuq il-post fiż-żoni l-aktar fil-bżonn;

- It-tqarrib tal-uffiċċji reġjonali lejn iż-żona, permezz tat-tibdil tas-sitt Uffiċċji Reġjonali ta' Appoġġ fi 12-il Uffiċċju Reġjonali.

Barra minn hekk, fl-aħħar tal-2015, il-Kummissjoni stabbiliet il-preżenza tagħha f'Belgrad bi tweġiba għall-kriżi tar-refuġjati.

---

[23] Il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u s-Soċjetajiet tan-Nofs Qamar l-Aħmar, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

# Informazzjoni u sorsi addizzjonali

- Informazzjoni ġenerali dwar id-DĠ ECHO:
  **http://ec.europa.eu/echo/en**

- Skedi ġeografiċi/ta' politika ta' kull pajjiż individwali:
  **http://ec.europa.eu/echo/files/media/publications/annual_report/2016/ECHO_AR2016_Annex1_GEOFiches.pdf#view=fit**

  **http://ec.europa.eu/echo/files/media/publications/annual_report/2016/ECHO_AR2016_Annex2_PolicyFiches.pdf#view=fit**

- Informazzjoni finanzjarja dwar l-attivitajiet ta' għajnuna umanitarja u ta' protezzjoni ċivili tal-Kummissjoni fl-2015:
  **http://ec.europa.eu/echo/funding-evaluations/funding-decisions-hips-2015_en**

- Informazzjoni operattiva minn snin preċedenti:
  **http://ec.europa.eu/echo/about/annual_reports_en.htm**

# ANNESSI

## Anness 1: Sinteżi tal-valutazzjonijiet imwettqa fl-2015

### A) Introduzzjoni

Il-valutazzjonijiet esterni u indipendenti li ġejjin tal-interventi umanitarji tal-Kummissjoni Ewropea saru fl-2015:

- L-Afrika tal-Punent Kostali, 2008 – 2014 (CWA)[24]: Is-sitwazzjoni fir-rigward l-għajnuna umanitarja fl-Afrika tal-Punent Kostali hija kumplessa, li tinkludi taħlita ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, u ħafna drabi teħtieġ rispons ta' malajr u fuq skala żgħira. Is-suġġetti l-aktar prominenti ta' intervent huma l-epidemiji (fosthom l-Ebola), l-għargħar, u l-konflitti.

- L-Istrateġija għas-Saħel, 2010 – 2014[25]: Is-Saħel għandu fost l-ogħla rati ta' malnutrizzjoni akuta fit-tfal madwar id-dinja. Il-livelli ta' malnutrizzjoni akuta huma wieħed mill-aktar indikaturi importanti użati fl-identifikazzjoni ta' kriżijiet umanitarji. Jirriflettu l-istatus ġenerali tal-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli u jipprovdu informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar l-aċċess għall-ikel, il-kapaċità tal-mekkaniżmi ta' sopravivenza u l-funzjonament tas-sistema tas-saħħa pubblika.

- Is-Sirja, 2012 – 2014[26]: Minn Marzu 2011, ir-repressjoni vjolenti tal-protesti fis-Sirja u l-kriżi riżultanti fil-qasam tal-protezzjoni żviluppat progressivament f'kunflitt armat intern mifrux, b'konsegwenzi umanitarji serji fis-Sirja u fil-pajjiżi tal-viċinat tagħha. Minn konflitti mifruxa tal-gwerrilja, il-konflitt evolva fi gwerra ċivili maġġuri. Porzjonijiet kbar mit-territorju waqgħu taħt il-kontroll temporanju jew permanenti ta' diversi Gruppi ta' Oppożizzjoni Armati, b'mod partikolari fit-Tramuntana u fil-Lvant tal-pajjiż.

- Il-Pakistan, 2010 – 2014[27]: Il-Pakistan qed jiffaċċja diffikultajiet ekonomiċi, sottożvilupp, instabbiltà politika, kunflitti armati u nuqqas ta' sigurtà f'ħafna żoni ġeografiċi. L-operazzjonijiet militari jwasslu għal tibdil demografiku enormi. Il-Kummissjoni kklassifikat il-kriżi fit-tul tal-IDP fiż-żoni li jmissu mal-Majjistral tal-Afganistan bħala Kriżi Minsija[28].

- Modalitajiet ta' Trasferiment, 2011 – 2014[29]: Matul l-aħħar 10 snin is-sistema umanitarja mxiet gradwalment minn appoġġ purament mhux finanzjarju għalpersuni affettwati f'emerġenzi u fi kriżijiet, biex tinkludi wkoll trasferimenti ta' flus kontanti u kupuni. Flus kontanti, kupuni u appoġġ mhux finanzjarju huma l-hekk imsejħa 'modalitajiet ta' trasferiment' differenti li jintużaw f'rispons umanitarju. Matul l-aħħar ftit snin l-UE segwiet u ħeġġet l-użu akbar tal-modalità ta' flus kontanti, peress li din twassal għal aktar dinjità, għażla u flessibilità għall-benefiċjarji. Barra minn hekk, għandha l-potenzjal għal effiċjenza akbar, valur għall-flus, u fl-aħħar mill-aħħar effikaċja aħjar.

---

24 http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-the-dg-echo-actions-in-coastal-west-africa-2008-2014-pbKR0415526/

25 http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-echo-s-interventions-in-the-sahel-2010-2014--pbKR0215833/

26 http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-the-echo-response-to-the-syrian-crisis-2012-2014-pbKR0415857

27 http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-echo-s-interventions-in-pakistan-2010-2014-pbKR0215834/

28 Sitwazzjonijiet ta' kriżijiet umanitarji severi fit-tul fejn il-popolazzjonijiet affettwati ma huma qed jirċievu l-ebda għajnuna internazzjonali jew din mhijiex biżżejjed, u fejn ma hemm l-ebda impenn politiku biex tissolva l-kriżi, parzjalment minħabba nuqqas ta' interess mill-midja.

29 http://bookshop.europa.eu/en/evaluation-of-the-use-of-different-transfer-modalities-in-echo-humanitarian-aid-actions-2011-2014-pbKR0415822/

**B) Metodoloġija**

Il-valutazzjonijiet Umanitarji tal-Kummissjoni jsegwu metodoloġija standard ta' riċerka li tiżgura bażi soda ta' evidenza għar-risposti għall-mistoqsijiet ta' valutazzjoni. L-ewwel nett, issir reviżjoni tal-letteratura, li tkopri dokumenti ta' referenza, dokumenti relatati mal-kuntest, dokumentazzjoni dwar il-proġett, valutazzjonijiet eżistenti dwar il-proġett (eċċ.). It-tieni, issir konsultazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin, bl-użu tal-aktar strumenti adegwati ta' riċerka (stħarriġ elettroniku, intervisti, intervisti bit-telefown, eċċ.). Il-partijiet interessati ewlenin huma l-benefiċjarji aħħarin, is-sħab ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, il-persunal tal-Kummissjoni fil-kwartieri ġenerali u fuq il-post, donaturi umanitarji ewlenin oħra, rappreżentanti tal-gvern tal-pajjiżi benefiċjarji, eċċ. Peress li l-valutazzjonijiet kollha li saru fl-2015 sejrin jikkontribwixxu għall-valutazzjonijiet komprensivi (b'mod notevoli dwar l-għajnuna umanitarja u l-mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili), ma kinux japplikaw ir-rekwiżiti kollha tar-Regolamentazzjoni Aħjar. Pereżempju, ma saret l-ebda Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa fil-kuntest ta' dawn il-valutazzjonijiet.

Aktar dettalji dwar il-metodoloġija applikata għal kull valutazzjoni, inkluż dwar il-valutazzjoni tal-effikaċja, u l-limitazzjonijiet tagħhom jistgħu jinstabu fir-rapporti ta' valutazzjoni.

**C) Riżultati tal-valutazzjoni**

Ir-riżultati sintetizzati tal-valutazzjoni huma ppreżentati skont il-ħames kwistjonijiet ta' valutazzjoni rikjesti mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar Regolamentazzjoni Aħjar, kif ġej:

**1. Rilevanza**

Ir-rilevanza tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni matul il-perjodu kienet ġeneralment ikkonfermata mill-valutazzjonijiet eżaminati. L-immirar tal-aktar gruppi vulnerabbli kien fil-biċċa l-kbira xieraq u informat kif xieraq minn valutazzjonijiet sistematiċi tal-ħtiġijiet, inkluż l-involviment xieraq tal-benefiċjarji. Abbażi tal-mandat tal-UE, kien hemm enfasi qawwija fuq l-għajnuna u r-riabilitazzjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa ta' lakuni fir-rispons minn donaturi oħrajn kif ukoll tal-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur.

**2. Koerenza**

Ir-riżultati tal-valutazzjoni juru li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni kienu koerenti mal-prinċipji umanitarji ewlenin ("l-umanità", "in-newtralità", "l-imparzjalità", "l-indipendenza", "il-protezzjoni" u "tagħmilx ħsara"). Madankollu, ħareġ ċar li r-rikonċiljazzjoni tal-prinċipju umanitarju ta' indipendenza mal-iżgurar ta' koerenza mal-politiki u mal-prattiki nazzjonali tista' tkun ta' sfida, peress li ħafna drabi dawn tal-aħħar huma spinti minn kunsiderazzjonijiet politiċi jew ekonomiċi, u b'hekk tinħoloq inkoerenza mal-approċċ tal-Kummissjoni bbażat fuq il-prinċipji u l-ħtiġijiet. Il-koerenza mal-azzjonijiet tad-DEVCO tesprimi ruħha prinċipalment bħala LRRD, b'manifestazzjoni ġeneralment pożittiva fis-CWA u fis-Saħel, li sa ċertu punt wasslet għall-allinjament tal-prijoritajiet u tal-ipprogrammar. Irid jintqal li l-valutazzjoni dwar il-Pakistan tenfasizza nuqqas ta' koerenza mad-DEVCO, b'rabtiet dgħajfa bejn il-prijoritajiet u l-ipprogrammar bejn iż-żewġ DĠs.

Il-valutazzjoni dwar is-Sirja tiddikjara li l-Kummissjoni għandha sistema robusta ta' proċeduri fis-seħħ li tiżgura konsistenza mal-ispirtu wiesa' tal-inizjattiva Donazzjoni

Umanitarja Tajba (GHD). Din wasslet biex fuq livell ta' proġett id-deċiżjonijiet dwar finanzjament ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet, li wasslet għal rikonoxximent mifrux tal-Kummissjoni bħala donatriċi umanitarja bi prinċipji. Madankollu, fuq livell strateġiku, il-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Umanitarja tal-Kummissjoni għall-kriżi Sirjana matul il-perjodu 2012-2014 ma jirreferux b'mod espliċitu għat-23 Prinċipju tal-GHD. Is-sħab tal-Kummissjoni qed jiġu rikjesti jissodisfaw il-prinċipji ta' imparzjalità (it-tieni prinċipju tal-GHD) u jinkoraġġixxu konsistenza man-normi tal-LRRD (id-disa' Prinċipju tal-GHD).

### 3. Valur Miżjud tal-UE

Il-Kummissjoni tassumi r-rwol ta' donatriċi ta' referenza, billi tibbaża l-azzjonijiet tagħha fuq prinċipji umanitarji, valutazzjonijiet infurmati, u l-promozzjoni ta' approċċ mhux politiku lejn l-għajnuna umanitarja. L-importanza ta' dan għaż-żamma tal-ispazju umanitarju hija rikonoxxuta sew (eż. kif muri b'mod partikolari fil-valutazzjoni tal-Pakistan).

L-approċċ ibbażat fuq il-prinċipji u l-ħtiġijiet jinkludi l-indirizzar ta' 'kriżijiet minsijin' kif jidher pereżempju fis-CWA, fejn il-Kummissjoni kienet preżenti f'kull sitwazzjoni umanitarja, f'żoni minsijin b'diversi għodod adattati ta' finanzjament, fejn id-donaturi l-oħra kienu assenti. Fi kriżijiet akbar il-Kummissjoni b'mod konsistenti tkellmet favur rispons għal sitwazzjonijiet fejn ma kienx hemm donaturi oħra preżenti u ħafna drabi adottat ir-rwol ta' koordinatur u katalista.

L-influwenza finanzjarja tal-Kummissjoni tippermettilha teżerċita tmexxija politika u timponi approċċ aktar ikkoordinat u koerenti fuq is-sħab ta' implimentazzjoni. Eżempju ġie pprovdut mill-valutazzjoni tal-Modalitajiet ta' Trasferiment, li turi li, parzjalment bħala riżultat tal-inizjattivi tal-Kummissjoni tal-bini ta' kapaċità u l-istrateġiji ta' finanzjament ibbażati fuq l-evidenza, it-trasferimenti ta' flus huma element dejjem aktar komuni ta' rispons umanitarju, li jappoġġja l-effiċjenza u l-effikaċja tal-għajnuna umanitarja mogħtija.

Barra minn hekk, il-preżenza qawwija tal-Kummissjoni fuq il-post tippermetti fehim komprensiv tal-ħtiġijiet kumplessi fuq il-post, u n-newtralità tagħha tipprovdi flessibilità u setgħa akbar biex taġixxi f'isem dawk l-aktar vulnerabbli. Dan intwera b'mod partikolari fis-Saħel u fis-CWA. Donaturi oħra jgħarrfu l-valur tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għarfien tekniku tagħha kif ukoll il-kapaċità tagħha għal koordinazzjoni.

Il-possibbiltà tal-użu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp[30] / 'Pakkett B' toffri l-opportunità ta' Valur Miżjud konġunt tal-UE, jekk wieħed jassumi li din l-għodda ta' finanzjament ser tgħin fil-koordinazzjoni ta' pprogrammar konġunt bejn l-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja u ta' żvilupp tal-Kummissjoni. Madankollu, xi riżultati tal-valutazzjoni (b'mod partikolari għall-Pakistan) indikaw nuqqas ta' sfruttament ta' dan il-Valur Miżjud potenzjali tal-UE, għaliex xi drabi r-riżultati tal-proġetti ta' għajnuna umanitarja jistgħu jiġu promossi aħjar u jiġu adottati minn azzjonijiet ta' żvilupp jekk ikun hemm allinjament aħjar bejn il-prijoritajiet u l-ipprogrammar ("LRRD").

Fil-Pakistan xi sħab ħassew li l-Kummissjoni tista' tuża aħjar l-influwenza u l-pożizzjoni tagħha biex tagħmel pressjoni fuq il-gvernijiet, u titkellem favur aċċess umanitarju aħjar u dwar kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw il-komunità umanitarja.

30 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa l-akbar strument ġeografiku tal-UE għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp, b'allokazzjoni ta' EUR 30.5 biljuni għall-FEŻ numru 11 għall-2014-20. Il-Pakkett B huwa ddedikat biex jiġu koperti ħtiġijiet mhux previsti.

## 4. Effettività

Għas-CWA l-valutazzjoni kkonfermat l-effettività ġenerali tal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ffinanzjat setturi kritiċi, immobilizzat is-sħab u appoġġjat il-kapaċità ġenerali tas-sistema umanitarja. Madankollu, id-DRR ftit irċieva appoġġ mill-Kummissjoni (u minn donaturi oħra), meta wieħed iqis li l-istrateġiji, il-programmi u l-attivitajiet ta' DRR huma rilevanti ħafna għar-reġjun, u hemm bżonn ta' fokus ċar fuq it-tħejjija.

Fir-rigward tas-Saħel, il-valutazzjoni wriet li matul il-perjodu vvalutat il-mortalità tat-trabi naqset. B'mod ġenerali, l-aktar kontribut sinifikanti tal-Kummissjoni kien li tiżdied il-kopertura taċ-ċentri tas-saħħa li joffru trattament nutrizzjonali u l-għadd ta' tfal taħt il-ħames snin skrinjati u ttrattati. Barra minn hekk, l-Istrateġija għas-Saħel kellha rwol importanti ħafna fil-kollegament tal-għajnuna mar-riabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD), u f'dan ir-rigward hemm għadd ta' eżempji ta' kooperazzjoni b'suċċess mal-azzjonijiet ta' żvilupp tal-Kummissjoni u ma' atturi oħra. Fir-rigward tat-trasferiment tar-riżultati dwar l-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni lill-gvernijiet, kien hemm ukoll tibdil notevoli fl-aċċettazzjoni tal-gvernijiet tal-malnutrizzjoni bħala patoloġija u kwistjoni li għandha tiġi indirizzata fuq livell nazzjonali. Madankollu, l-LRRD għandu jkompli jissaħħaħ fir-reġjun sabiex jiżdiedu l-impatti u s-sostenibbiltà, li huwa suġġett ta' rakkomandazzjoni mill-evalwaturi.

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tappoġġja operazzjonijiet ta' ġestjoni mill-bogħod ġewwa żoni tas-Sirja kkontrollati minn gruppi armati ta' oppożizzjoni, filwaqt li fl-istess ħin ħadet passi biex jittaffew ir-riskji ta' din l-azzjoni, ippermettewlha li tipprovdi għajnuna effettiva ta' salvataġġ għal uħud mill-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli f'żoni li huma diffiċli biex jintlaħqu. Meta titqies flimkien mal-għajnuna tal-Kummissjoni f'żoni kkontrollati mill-gvern, l-involviment tagħha f'operazzjonijiet ta' ġestjoni mill-bogħod ippermetta li l-Kummissjoni tipprovdi għajnuna imparzjali u bbażata fuq il-ħtiġijiet taħt ċirkustanzi diffiċli.

Ħafna mis-sħab għadhom iqisu n-nota tal-Kummissjoni dwar Ġestjoni mill-Bogħod[31] bħala fuq nett tal-aġenda politika dwar din il-kwistjoni. Reviżjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Kummissjoni ġewwa s-Sirja tissuġġerixxi li n-nota ġiet segwita ferm mis-sħab kollha.

Fil-Pakistan il-Kummissjoni kienet – fil-maġġoranza kbira tal-każijiet – kapaċi tilħaq l-għan tagħha u tiffinanzja lis-sħab biex jagħtu riżultati li kieku ma kinux ikunu kapaċi jipprovdu mingħajr il-finanzjament tal-UE. L-appoġġ iffinanzjat mill-Kummissjoni dwar in-nutrizzjoni fil-Provinċja ta' Sindh kien konsiderevoli u għen biex tiġi enfasizzata problema li ilha teżisti ħafna ta' malnutrizzjoni kronika li kienet ġiet identifikata waqt ir-rispons għall-għargħar tal-2010. Il-Kummissjoni għenet ukoll biex tinvolvi lil donaturi oħra kif ukoll id-DĠ DEVCO, li analizzaw il-kawża tal-problemi ta' malnutrizzjoni f'din iż-żona. Madankollu, il-valutazzjoni ffaċċjat ukoll ċerta kritika mis-sħab tal-Kummissjoni fir-rigward tal-adegwatezza taż-żmien tal-finanzjament tagħha, li huwa prekundizzjoni għal rispons effikaċi u sinifikanti. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni limitata ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni u mal-Awtorità Nazzjonali għall-Ġestjoni tad-Diżastri kellha impatt fuq il-kapaċità tal-Kummissjoni li tippromwovi b'mod effettiv il-perspettivi aktar fit-tul tal-għajnuna umanitarja u tal-LRRD fil-Pakistan.

## 5. Effiċjenza

[31] http://ec.europa.eu/echo/files/partners/humanitarian_aid/Remote_Management_instructions.pdf

Għalkemm bħalissa qiegħed jiġi żviluppat approċċ biex tiġi vvalutata l-kosteffettività tal-għajnuna umanitarja, il-Kummissjoni għad ma għandhiex tali approċċ disponibbli, u l-evalwaturi ilhom jitħabtu biex jipprovdu dikjarazzjonijiet solidi dwar din il-kwistjoni.

Għas-Sirja l-evalwaturi kkonkludew li l-Kummissjoni ġeneralment ipprovdiet ġustifikazzjoni loġika għas-suballokazzjoni tal-fondi lill-pajjiżi fir-reġjun – bl-eċċezzjoni possibbli tas-sehem baxx tal-piż min-naħa tat-Turkija, it-tim tal-Kummissjoni fis-Sirja uża baġit relattivament żgħir għall-promozzjoni ta' sett ambizzjuż ta' objettivi strateġiċi u eżerċita influwenza akbar minn dik mistennija fuq ir-rispons ġenerali. Parzjalment dan inkiseb permezz ta' kollaborazzjoni tajba ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE sabiex jiġi permezz użu aktar immirat tal-baġit umanitarju. Madankollu, ir-rabta bejn id-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji fis-Sirja hija opaka u tidher li kienet influwenzata politikament.

Għas-Saħel l-evalwaturi setgħu jiddikjaraw b'livell raġonevoli ta' kunfidenza li l-flus intefqu tajjeb, fid-dawl tal-kontribut tal-Istrateġija għas-Saħel għat-tnaqqis tal-mortalità. Madankollu, kien diffiċli li wieħed jgħid jekk ir-riżultati setgħux inkisbu b'inqas finanzjament. Inevitabbilment, dan wassal biex jiġu ġġenerati tagħlimiet (eż. dwar l-effikaċja ta' proġetti speċifiċi fuq skala kbira u lakuni fil-proġett attwali) u dawn jistgħu jintużaw biex tkompli tittejjeb l-effikaċja.

Fis-CWA, il-valutazzjoni kkonfermat l-effiċjenza tal-'approċċ multinazzjonali/transkonfinali', li ppermetta lis-sħab tal-Kummissjoni biex jgħinu aħjar lill-popolazzjonijiet li jiċċaqalqu ripetutament bejn żewġ pajjiżi, minħabba l-għarfien tagħhom tal-kuntest, tal-kapaċitajiet u tal-limitazzjonijiet fuq iż-żewġ żewġ naħat tal-fruntiera. L-inklużjoni ta' din id-dinamika transkonfinali x'aktarx issaħħaħ il-kapaċità tal-komunitajiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera biex jassorbu x-xokkijiet (reżiljenza). Barra minn hekk, għall-Kosta tal-Avorju (fejn matul il-perjodu l-parti l-kbira tal-baġit ġiet allokata fis-CWA), minħabba s-sitwazzjoni kkawżata mill-kriżi u l-għadd ta' persuni affettwati (fl-2012 ġew irreġistrati 5.9 miljun persuna fir-reġjuni l-aktar milquta tal-punent; kważi 4 miljun ruħ huma maħsuba li qed jgħixu fiż-żewġ kwartieri l-aktar affettwati f'Abidjan), jista' jiġi raġonevolment konkluż li l-Kummissjoni – id-donatriċi umanitarja prinċipali – laħqet proporzjon għoli ħafna ta' kosteffettività, abbażi tan-nuqqas ta' mortalità eċċessiva rrapportata u l-effikaċja tal-approċċi lejn l-għajxien u l-koeżjoni soċjali.

B'mod kumplessiv għas-CWA, anki jekk ma kienx possibbli li jsir paragun dwar il-kosteffettività minħabba nuqqas ta' dejta komprensiva u paragunabbli, it-tim ta' evalwazzjoni qies li l-livell ta' effettività huwa proporzjonali mar-riżorsi investiti u mal-kapaċità tal-imsieħba li jirreaġixxu. Ir-riżorsi mobilizzati kienu adegwati għall-ħtiġijiet – partikolarment f'termini tat-twaqqif mill-ġdid tas-servizzi u tal-provvisti tas-saħħa, iżda anke għall-koeżjoni jew għall-protezzjoni soċjali.

Dwar il-Pakistan, kemm ir-riżultati kwalitattivi kif ukoll dawk kwantitattivi mill-finanzjament tal-UE kienu sodisfaċenti fir-rigward tal-miri definiti minn qabel. Fl-istess ħin, il-finanzjament tal-UE jippermetti lis-sħab li jużaw firxa ta' approċċi, pjuttost milli approċċ ta' universalità: ikel jew flus għax-xogħol, kupuni ta' flus kontanti, sistemi ta' twassil dirett li jinvolvu lill-benefiċjarji u ħafna drabi intużaw l-awtoritajiet distrettwali. Matul dan il-perjodu l-Kummissjoni ppromwoviet, iffinanzjat u użat approċċ ta' konsorzju b'żewġ konsorzji, li wieħed minnhom il-Kummissjoni irsistiet li jitwaqqaf b'sitt NGOs internazzjonali ewlenin jaħdmu flimkien u ffinanzjat 100% mill-Kummissjoni. Dan kellu jgħin sabiex jitjieb it-twassil, l-użu ta' ekonomiji ta' skala f'termini ta' użu komuni ta' assi

u jiġu żgurati standards permezz tal-użu tal-aħjar approċċi ta' kull waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet u biex jitnaqqas il-livell tal-ispejjeż ġenerali, sabiex titjieb l-effikaċja.

Madankollu, il-kritika min-naħa ta' ċerti sħab dwar burokrazija żejda għadha thedded il-Kummissjoni fil-Pakistan, li hija xi ħaġa li għandha tiġi kkunsidrata meta tiġi vvalutata l-effikaċja tal-interventi ffinanzjati mill-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-għażla tal-Modalità ta' Trasferiment - li għandha effett qawwi fuq il-kosteffiċjenza u l-kosteffettività – il-Kummissjoni ppromwoviet l-użu ta' trasferimenti ta' flus kontanti matul il-perjodu. Il-valutazzjoni tal-Modalitajiet ta' Trasferiment (kif ukoll dik dwar is-Sirja) ikkonfermat li l-politika tal-UE kienet rilevanti, jiġifieri li f'ċerti kuntesti u ċirkostanzi l-użu ta' trasferimenti ta' flus kontanti żied l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Kummissjoni.

**D) Rakkomandazzjonijiet ewlenin mill-evalwaturi esterni**

- Il-Kummissjoni għandha tiddedika aktar finanzjament għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (DRR) u/jew il-Kollegament bejn l-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD), sabiex jiżdiedu l-impatti u s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet tagħha. Għandhom jiġu promossi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja u ta' żvilupp sabiex titnaqqas il-pressjoni fuq il-finanzjament umanitarju limitat, mingħajr ma jiġu kompromessi l-Prinċipji Umanitarji. Dan għandu jiġi magħqud ma' sforzi akbar ta' promozzjoni lejn il-gvernijiet, l-atturi tal-iżvilupp u donaturi oħra, bl-għan li tiġi żgurata adozzjoni tajba u t-tkomplija tar-riżultati tal-Kummissjoni.

- Il-Kummissjoni għandha tifformula objettivi ta' terminu medju għall-interventi tagħha, ibbażati fuq teorija ta' bidla, biex jissaħħaħ l-approċċ strateġiku. Barra minn hekk, biex tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi limitati, il-Kummissjoni għandha tesplora possibiltajiet ta' tfaddil kosteffiċjenti permezz tal-għoti ta' finanzjament aktar prevedibbli lill-aġenziji ewlenin ta' rispons;

- Il-Kummissjoni għandha, b'kont meħud tal-Qafas ta' Sendai, issaħħaħ l-approċċ tagħha lejn it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (DRR) u l-Prevenzjoni, billi tiżviluppa strateġija ċara għal dawn l-azzjonijiet, ibbażata fuq approċċ komunitarju u tkompli tirsisti mal-gvernijiet biex jadottaw ir-riżultati tal-proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni;

- Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, u/jew tirsisti għall-provvista ta' riżorsi adegwati u prevedibbli li jikkorrispondu mal-ħtiġijiet umanitarji;

- Il-Kummissjoni għandha tkompli tippromwovi l-użu ta' trasferimenti ta' flus kontanti biex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi skont l-iskala.

Il-Kummissjoni ser tħares lejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet u tidentifika azzjonijiet ta' segwitu fejn ikun meħtieġ.

**<u>Anness 2:</u> Implimentazzjoni tal-baġit għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili fl-2015**[32]

| Reġjun/pajjiż | Ammont f'miljuni ta' € | % |
|---|---|---|
| **L-Afrika** | **660** | **41,6%** |
| Is-Sudan u s-Sudan t'Isfel | 159 | |
| L-Afrika Ċentrali | 92 | |
| Il-Lagi l-Kbar | 62 | |
| Il-Qarn tal-Afrika | 171 | |
| L-Afrika t'Isfel, L-Oċean Indjan | 20 | |
| L-Afrika tal-Punent | 141 | |
| L-Afrika ta' Fuq | 16 | |
| **Il-Lvant Nofsani u l-pajjiżi Ewropej tal-viċinat** | **560** | **35,3%** |
| Il-Lvant Nofsani | 529 | |
| Il-pajjiżi Ewropej tal-viċinat | 32 | |
| **L-Asja, Il-Paċifiku** | **130** | **8,2%** |
| L-Asja tal-Lbiċ u l-Asja Ċentrali | 103 | |
| L-Asja tax-Xlokk u l-Paċifiku | 26 | |
| **L-Amerika Ċentrali u t'Isfel, Il-Karibew** | **63** | **3,9%** |
| L-Amerika Ċentrali u t'Isfel | 29 | |
| Il-Karibew | 34 | |
| **Diżastri madwar id-dinja** | **39** | **2,5%** |
| **Il-Protezzjoni Ċivili** | **57** | **3,6%** |
| **Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE** | **7** | **0,4%** |
| **Operazzjonijiet kumplimentari u ta' appoġġ** | **72** | **4,6%** |
| **TOTAL** | **1.587** | **100%** |

[32] Għall-protezzjoni ċivili, iċ-ċifri fit-tabella mhumiex imqassma skont il-pajjiż/reġjun.